# FIL-PRIM AWLA TAL-QORTI ĊIVILI

# SEDE KOSTITUZZJONALI

## ONOR. IMĦALLEF

## IAN SPITERI BAILEY LL.M. LL.D.

**Illum it-Tnejn, 20 ta' Jannar, 2025**

**Kawża Nru. 6**

**Rik. Nru. 467/2023 ISB**

**Fernando Gonzalo-Noel Sanchez (karta tal-Identità Spanjola bin-numru 47659704R)**

**vs**

**Avukat tal-Istat; u b'digriet tas-27 ta' Ottubru 2023 ġie kjamat in kawża r-Reġistratur tal-Qrati Kriminali**

**Il-Qorti,**

Rat ir-**Rikors** ta' **Fernando Gonzalo-Noel Sanchez**, intavolat fis-26 ta' Settembru 2023, li permezz tiegħu, talab lil din il-Qorti sabiex:

> *... tiddikjara u tiddeciedi primarjament illi l-operat tad-disposizzjonijiet tal-paragrafu (2) tal-Artikolu 533 tal-Kodici Kriminali (Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta'*

*Malta) fil-konfront tar-rikorrent, in kwantu jippermettu l-konversjoni tal-ispejjes rappresentanti l-ispejjez li jkollhom x'jaqsmu mal-ħatra ta' esperti jew periti fil-proċeduri, inklużi dawk tal-esperti li jkunu ġew maħtura fl-istadju tal-proċess verbal tal-inkjesta tal-kawza fi prigunerija addizzjonali, jiksru d-dritt fondamentali tieghu ghal protezzjoni kontra l-arrest arbitrarju kif protett fl-artikoli 34 tal-Kostituzzjoni ta' Malta u 5 tal-Konvenzjoni Ewropeja ghall-Protezzjoni tad-Drittijiet Umani u Libertajiet Fundamentali u konsegwentement tipprovdi dawk ir-rimedji u taghti dawk l-ordnijiet, tohrog dawk l-atti u taghti dawk id-direttivi li tqis xieraq sabiex twettaq, jew tassigura t-twettiq tad-disposizzjonijiet ta' l-imsemmija artikoli 34 tal-Kostituzzjoni ta' Malta u 5 tal-Konvenzjoni Ewropeja ghall-Protezzjoni tad-Drittijiet Umani u Libertajiet Fundamentali; u subordinatament, f'kaz illi dina l-Onorabbli Qorti ma kellhiex issib illi d-disposizzjonijiet tal-paragrafu (2) tal-Artikolu 533 tal-Kodici Kriminali jivvjolaw l-imsemmija drittijiet fondamentali tar-rikorrent, illi l-agir tar-Registratur fl-ghazla tieghu li jipprocedi arbitrarjament fil-konfront tal-esponent permezz tar-rikors tieghu tas-6 ta' Frar 2023 b'talba ghall-konverzjoni tal-ispejjez peritali fi prigunerija a bazi tal-fuq imsemmi paragrafu (2) tal-fuq imsemmi Artikolu 533 tal-Kodici Kriminali, u mhux b'talba ghall-gbir tal-istess spejjes peritali bhala dejn civili a bazi tal-paragrafu (3) tal-istess Artikolu 533 tal-Kodici Kriminali, jammonta ghal u jikkostitwixxi agir diskriminatorju fil-konfront tal-istess rikorrent u ghalhekk jikser id-disposizzjonijiet tal-Artikolu 14 tal-imsemmija Konvenzjoni Ewropea għall-Protezzjoni tad-Drittijiet tal-Bniedem u tal-Libertajiet Fundamentali mehud flimkien mal-Artikolu 5 tal-istess Konvenzjoni, u konsegwentement tipprovdi dawk ir-rimedji u taghti dawk l-ordnijiet, tohrog dawk l-atti u taghti dawk id-direttivi li tqis xieraq sabiex twettaq, jew tassigura t-twettiq tad-disposizzjonijiet ta' l-imsemmi artikolu 14 tal-Konvenzjoni Ewropeja ghall-Protezzjoni tad-Drittijiet Umani u Libertajiet Fundamentali mehud flimkien mal-Artikolu 5 tal-istess Konvenzjoni.*

U dan wara illi ppremetta:

*Illi fl-4 ta' Gunju 2022 l-esponenti tressaq taħt arrest mill-Pulizija (Spettur Jean Paul Attard ) quddiem il-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti Istruttorja presjeduta mill-Maġistrat Dottor Gabriella Vella u ġie akkużat talli :*

1. *Minghajr il-hsieb li joqtol jew li jqieghed I-hajja ta' Lorenz Meister f'periklu car, ikkagunajtlu hsara fil-gisem jew fis-sahha tieghu, liema griehi huma ta' natura gravi skond kif iccertifikat minn Dr. Joanna Galea (MD 4588) ta' Mater Dei;*

2. *Fl-istess, data, lok, hin u cirkostanzi hebb ghal Sudip Dey Sarkar u kkagunalu offiza ta' natura hafifa skond kif iccertifikat minn Dr. Andrew Richard Hall (MD 4737) tac-Centru tas-Sahha tal-Floriana;*

3. *Fl-istess, data, lok, hin u cirkostanzi hebb ghal Edoardo De Liso u kkagunalu offiza ta' natura hafifa skond kif iccertifikat minn Dr. Ryan Camilleri (MD 3672) ta' Mater Dei, liema offiza sehhet bi strument li jaqta' jew iniggez;*

4. *Fl-istess, data, lok, hin u cirkostanzi hebb ghal Alessandro De Liso u kkagunalu offiza ta' natura hafifa skond kif iccertifikat minn Dr. Ryan Camilleri (MD 3672) ta' Mater Dei, liema offiza sehhet bi strument li jaqta' jew iniggez;*

5. *Fl-istess, data, lok, hin u cirkostanzi volontarjament hassar jew ghamel hsara jew gharraq vettura ta' ghamla Ford bin-numru ta' registrazzjoni DLY 181 liema hsara ma tammontax ghal aktar minn €250 ghad-dannu ta' Anil Qadir;*

6. *Fl-istess, data, lok, hin u cirkostanzi volontarjament hassar jew ghamel hsara jew gharraq vettura ta' ghamla Audi bin-numru ta' registrazzjoni LUC 186 liema hsara ma tammontax ghal aktar minn €250 ghad-dannu ta' Lucretia Hili;*

7. *Fl-istess, data, lok, hin u cirkostanzi attakka jew ghamel rezistenza bi vjolenza jew b'hebb, ta' xorta li ma' titqiesx vjolenza pubblika, kontra persuni inkarigati skont il-ligi minn servizz pubbliku, filwaqt li kienet qed tagixxi ghall-ezekuzzjoni tal-ligi jew ta' ordni moghti skont il-ligi mill-awtorità kompetenti;*

8. *FI-istess, data, lok, hin u cirkostanzi ingurja, jew hedded, jew ghamel offiza fuq persuni inkarigati skont il-ligi minn servizz pubbliku, waqt li kien qed jaghmel jew minhabba li kien qed jaghmel dan is-servizz, jew bil-hsieb li jbezzghhom jew li tinfluwixxi fuqhom kontra I-ligi waqt I-ezekuzzjoni ta' dak is-servizz;*

9. *FI-istess, data, lok, hin u cirkostanzi volontarjament ksirt il-bon ordni jew il-paci pubblika b'ghajjat u storbju;*

*u*

10. *FI-istess, data, lok, hin u cirkostanzi f'lok pubbliku jew f'post miftuh ghall-pubbliku, kont fis-sakra b'mod li ma kontx tista' tiehu hsieb tieghek innifsek. (**<u>Dokument "A"</u>**).*

*Illi b'sentenza moghtija mill-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta' Gudikatura Kriminali fit-12 ta' Ottubru 2022, fil-kawza fl-ismijiet **Il-Pulizija(Spettur Jean Paul Attard) –kontra- Fernandez Gonzalo-Noel Sanchez** (Kum. Nru. 295/2022) l-esponent fuq ammissjoni bikrija tieghu stess, kien gie misjub hati tal-akkuzi dedotti kontra tieghu u kien gie kkundannat komplessivament ghall-piena ta' erbgha (4) snin prigunerija kif ukoll sabiex ihallas lir-Registratur tal-Qorti l-ispejjes skont il-ligi (**<u>Dokument "B"</u>**).*

*Illi permezz ta' ittra mahruga mir- Registratur tal-Qrati u Tribunali Kriminali fil-21 ta' Dicembru 2022 u indirizzata lir-rikorrent fil-Facilita' Korrettiva ta' Kordin, l-istess Registratur kien interpella lir-rikorrent sabiex ihallas is-somma ta' tlieta u ghoxrin elf tlett mija seba' u erbghin Ewro u tmienja u disghin centezmi (EUR23,347.98) ghall-ispejjes peritali in konnessjoni man-nomina u konferma tal-esperti waqt il-fuq imsemmija kawza, liema spejjez kienu gew likwidati mill-istess Registratur (**<u>Dokument "C"</u>**).*

*Illi sussegwentement permezz ta' rikors ippresentat mir-Registratur tal-Qrati u Tribunali Kriminali fis-6 ta' Frar 2023 quddiem l-istess Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta' Gudikatura Kriminali, fl-atti tal-fuq imsemmija kawza, l-istess Registratur talab li l-fuq indikati spejjes peritali in konnessjoni man-nomina u konferma tal-esperti waqt il-kawza ammontanti ghal tlieta u ghoxrin elf tlett mija seba' u erbghin Ewro u tmienja u disghin centezmi*

*(EUR23,347.98), jigu konvertiti fi prigunerija skont il-ligi u cioe' f'elfejn u erbat (2004) ijiem prigunerija (**Dokument "D"**).*

*Illi l-fuq imsemmi rikors tar-Registratur tal-Qrati u Tribunali Kriminali kien ibbazat fuq id-disposizzjonijiet tal-Artikolu 533(2) tal-Kodici Kriminali (Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta), liema disposizzjoni tal-ligi tobbliga lill-Qorti, fin-nuqqas tal-ħlas tal-ispejjeż, bħal ma jkun ġie stabbilit mill-istess qorti, fuq rikors tar-reġistratur, tibdel l-ammont hekk maqtugħ f ipriġunerija, bil-kalkolu ta' ġurnata għal kull ħdax-il euro u ħamsa usittin ċenteżmu (11.65) jew frazzjoni ta' ħdax-il euro u ħamsa usittin ċenteżmu (11.65), u tibgħat il-ħabs il-persuna ikkundannata għaż-żmien li joħroġ minn dak il-kalkolu*

*Illi permezz ta' Digriet moghti mill-Onorabbli Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta' Gudikatura Kriminali, fit-13 ta' Frar 2023, fl-atti tal-fuq imsemmija kawza, l-istess Qorti laqghet it-talba kif maghmula mir-Registratur tal-Qrati u Tribunali Kriminali permezz tal-fuq imsemmi rikors tieghu, bil-konsegwenza illi l-fuq imsemija spejjes peritali gew konvertiti fi prigunerija effettiva skont il-ligi u cioe' f'elfejn u erbat (2004) ijiem prigunerija (**Dokument "E"**).*

*Illi billi l-esponent ma kienx notifikat bil-fuq imsemmi rikors tar-Registratur tal-Qrati u Tribunali Kriminali tas-6 ta' Frar 2023; billi l-esponent ma kienx ingieb quddiem il-Qorti in segwitu ta' dak ir-rikors kif fil-fatt titlob il-ligi, u billi l-esponent lanqas ma kien gie notifikat bil-fuq imsemmi digriet tal-Onorabbli Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta' Gudikatura Kriminali tat-13 ta' Frar 2023, huwa kien inkariga lill-avukat Kevin Dingli sabiex ghan-nom tieghu jinterpella lill-imsemmi Registratur sabiex jirtira minnufih il-fuq imsemmija pretensjoni tieghu ghall-hlas maghmula permezz tal-fuq imsemmija ittra tal-21 ta' Dicembru 2022. Tali interpellanza tal-esponent kienet difatti saret permezz tal-ittra tad-19 ta' April 2023 (**Dokument "F"**).*

*Illi ghal tali interpellanza, ir-Registratur tal-Qrati u Tribunali Kriminali kien irrisponda billi cahad milli jirtira l-pretenzjoni tieghu, u dana permezz tal-ittra tieghu tas-26 ta' April, 2023 (**Dokument "G"**).*

*Illi kien biss minn dina r-risposta tar-Registratur illi l-esponent kien imbaghad sar jaf ghall-ewwel darba bl-imsemmi rikors tar-Registratur tal-Qrati u Tribunali Kriminali tas-6 ta' Frar 2023, kif ukoll bl-imsemmi digriet tal-Onorabbli Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta' Gudikatura Kriminali tat-13 ta' Frar 2023.*

*Illi bili r-rikorrent kien deherlu :*

*(i) illi dawn l-ispejjes ma kienux gew likwidati mill- Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta' Gudikatura Kriminali permezz tal-imsemmija sentenza, u lanqas ma kienu gew likwidati mill-istess Qorti f'xi Ordni sussegwenti – kif fil-fatt huwa mitlub mill-Artikolu 533(1) tal-istess Kodici Kriminali;*

*(ii) illi l-imsemmi Digriet tat-13 ta' Frar 2023 inghata mill-istess Qorti minghajr ma l-istess Qorti kienet baghtet ghal, wisq anqas semghet lill-esponent, u dana kontra dak illi huwa fil-fatt rikjest mill-Artikolu 533(2) tal-istess Kodici Kriminali;*

*(iii) illi r-Registratur tal-Qrati u Tribunali Kriminali lanqas biss ma kien intalab sabiex jaghti spjega u sabiex jiggustifika l-ammont manifestament ezorbitanti illi huwa stess kien unilateralment ghogbu jiddikjara bhala li jikkostitwixxi l-ispejjes peritali, u ghalhekk ma kien gie ezercitat l-ebda*

*kontroll da parti tal-istess Qorti in salvagwardja tad-drittijiet fondamentali tal-esponent sia ghal smiegh xieraq kif ukoll ghall-liberta' personali tieghu;*

*(iv) illi sew l-agir tal-imsemmija Qorti fl-ghotja tal-fuq imsemmi Digriet taghha tat-13 ta' Frar 2023, kif ukoll id-disposizzjonijiet tal-fuq riferit Artikolu 533 tal-Kodici Kriminali, jiksru d-drittijiet fondamentali tal-esponent kif sanciti mill-Artikoli 34 u 39 tal-Kostituzzjoni ta' Malta; kif ukoll mill-Artikoli 5 u 6 u 14 tal-Konvenzjoni Ewropea għall-Protezzjoni tad-Drittijiet tal-Bniedem u tal-Libertajiet Fundamentali illi permezz tal-Kapitolu 319 tal-Ligijiet ta' Malta huma wkoll esegwibbli bħala parti mill-Liġi ta' Malta;*

*kif ukoll*

*(v) illi l-agir tar-Registratur illi jaghzel li jipprocedi b'mod arbitrarju u diskriminatorju fil-konfront tal-esponent b'talba ghall-konverzjoni tal-ispejjez peritali fi prigunerija a bazi tas-subinciz (2) tal-fuq imsemmi Artikolu 533 tal-Kodici Kriminali u mhux b'talba ghall-gbir tal-istess spejjes peritali bhala dejn civili a bazi tas-subinciz (3) tal-istess Artikolu 533 tal-Kodici Kriminali, jikser id-disposizzjonijiet tal-Artikolu 14 tal-Konvenzjoni Ewropea għall-Protezzjoni tad-Drittijiet tal-Bniedem u tal-Libertajiet Fundamentali mehud flimkien mal-Artikolu 5 tal-istess Konvenzjoni*

*huwa kien ghalhekk fis-17 ta' Awwissu 2023 ippresenta rikors quddiem l-imsemmija Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta' Gudikatura Kriminali, fl-atti tal-fuq imsemmija kawza, fejn talab li l-istess Qorti joghgobha tipprocedi billi tirrevoka minnufih u contrario imperio l-fuq imsemmi Digriet taghha tat-13 ta' Frar 2023 fl-atti tal-istess kawza (**Dokument "H"**).*

*Illi in segwitu ghal dana r-Rikors, il-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta' Gudikatura Kriminali kienet fit-18 ta' Awissu 2023 harget digriet interlokutorju li permezz tieghu kienet ordnat il-komunika tar-rikors lir-Registratur tal-Qorti, lill-Avukat Generali, u lill-Ispettur Jean Paul Attard, li ilkoll inghataw il-fakolta li jaghmlu r-risposta taghhom sa mhux aktar tard mill-31 ta' Awissu 2023. Il-Qorti irriservat li tipprovdi ulterjorment wara li tar il-kontenut tar-risposti, jekk dawn isiru. (**Dokument "I"**)*

*Illi filwaqt illi r-Registratur tal-Qrati u Tribunali u Kriminali, ghalkemm debitament notifikat, kien naqas milli jippresenta risposta fiz-zmien lilu koncess mill-Qorti, kienu gew ippresentati risposti da parti tal-Avukat Generali kif ukoll daparti tal-Ispettur Jean Paul Attard ghal Kummissarju tal-Pulizija, li permezz taghhom huma kienu effettivament irrimettew ruhhom ghal kwalunkwe decizjoni tal-Qorti (**Dokumenti "J-1" u "J-2"**)*

*Illi in segwitu ta' dawn ir-Risposti, il- Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta' Gudikatura Kriminali kienet fl-4 ta' Settembru 2023 harget digriet iehor interlokutorju li permezz tieghu*

1. *rrevokat contrario imperio d-digriet taghha tat-13ta' Frar 2023;*
2. *ordnat li Fernandez Gonzalo-Noel Sanchez jingieb quddiema ghal-udjenza tal-15 ta' Settembru 2023 fl-10:00am, minghajr il-htiega li jingieb bl-arrest stante li prezentement jinsab detenut;*
3. *ordnat li ghal-istess udjenza, ghandu jidher ir-Registratur u jgieb mieghu d-dokumentazzjoni relattiva ghar-rikors tieghu tas-6 ta' Frar 2023, kif ukoll*

*ghandu ihejji, fil-qosor, prospett li juri kif l-istess Registratur wasal ghal-ammont indikat (u dovut minn Fernandez Gonzalo-Noel Sanchez), fir-rikors tieghu tas-6 ta' Frar 2023;*

*u*

4. *irriservat li tipprovdi ulterjoprment fi stadju iehor (**Dokument "K"**).*

*Illi fil-15 ta' Settembru 2023 sar smiegh quddiem l-Onorabbli Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali, fl-atti tal-fuq imsemmija kawza, fil-prezenza tal-esponent.*

*Illi f'dik l-udjenza l-Avukat Kevin Dingli ghal esponent, b'riferenza ghal dak li gie sottomess fir-rikors promotorju tal-esponent tas-17 ta' Awissu 2023 ghal dak li jirrigwardja allegat ksur tad-dispozzizzjonijiet hemm citati sew tal-Kostituzzjoni ta' Malta kif ukoll tal-Konvenzjoni Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem, informa lill-Qorti illi huwa kien sejjer jipprocedi billi jipprezenta rikors fil-Prim Awla tal-Qorti Civili fil-gurisdizzjoni kostitutzzjonali taghha fil-jiem li gejjin u ghalhekk talab lill-istess Qorti sabiex joghgobha tissospendi s-smiegh ulterjuri tar-rikors tal-esponent tas-17 ta' Awissu 2023 sakemm tigi deciza finalment il-vertenza kostituzzjonali.*

*Il-Qorti, minn naha taghha, wara li qieset illi l-punt imqajjem mill-esponent huwa zgur mhux ta' ftit importanza, iddecidiet ghalhekk f'dan l-istadju billi:-*

a. *irrevokat b' mod assolut contrario imperio d-digriet taghha tat-13 ta' Frar 2023;*
b. *issospendiet l-effetti tar-rikors tar-Registratur tas-6 ta' Frar 2023;*
c. *issospendiet is-smiegh fondat fir-rikors tal-esponent tas-17 ta' Awissu 2023;*
d. *iddecidiet konsegwentement li tistenna l-esitu ta' kull procedura ohra li tista tolqot din il-procedura partikolari;*

*u*

e. *irriservat li terga tappunta r-rikors promotorju fi stadju ulterjuri, u provisorjament tat l-atti tar-rikors tal-esponent id-data tal-15 ta' Marzu 2024 ghal informazzjoni ulterjuri. (**Dokument "L"**)*

*Illi huwa fl-isfond ta' dana kollu illi l-esponent qieghed iressaq dana r-Rikors quddiem dina l-Onorabbli Prim'Awla tal-Qorti Civili, fil-gurisdizzjoni kostituzzjonali taghha.*

*Illi ghandu jinghad qabel xejn illi bhala rizultat tas-smiegh illi kien sehh fil-15 ta' Settembru 2023 u illi kien gie ordnat li jsir mill-Onorabbli Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali, permezz tal-fuq imsemmi digriet taghha tal-4 ta' Settembru 2023 , u dana in segwitu tal-fuq imsemmi rikors tal-esponent tas-17 ta' Awissu , 2023, l-ilment tal-istess esponent fir-rigward ta' nuqqas ta' smiegh xieraq kif protett mill-Artikolu 39 tal-Kostituzzjoni ta' Malta, kif ukoll mill-Artikolu 6 tal-Konvenzjoni Ewropea għall-Protezzjoni tad-Drittijiet*

*tal-Bniedem u tal-Libertajiet Fundamentali, issa gie indirizzat u rimedjat ghas-sodissfazzjon tieghu.*

*Illi madankollu pero', mill-fuq premess xorta wahda jirrisulta car u manifest illi d-dritt fundamentali tal-esponent ghall-liberta' personali tieghu kif protett fl-Artikolu 34 tal-Kostituzzjoni ta' Malta u fl-Artikolu 5 tal- Konvenzjoni Ewropeja ghall-Protezzjoni tad-Drittijiet Umani u Libertajiet Fundamentali, kif ukoll subordinatament id-dritt fundamentali tal-esponent ghat-tgawdija tad-drittijiet u libertajiet kontemplati fl-imsemmija Konvenzjoni Ewropeja ghall-Protezzjoni tad-Drittijiet Umani u Libertajiet Fundamentali minghajr diskriminazzjoni ghal kull raguni, kif protett fl-Artikolu 14 tal-istess Konvenzjoni mehud flimkien mal-imsemmi Artikolu 5 tal-istess Konvenzjoni, gew, qed jigu jew x'aktarx ser jigu miksura*

*Illi dan il-ksur jemergi mill-fatturi segwenti :*

*1 fl-ewwel lok, rigwardanti l-ksur tad-dritt fundamentali tal-esponent ghall-liberta' personali tieghu kif protett fl-Artikolu 34 tal-Kostituzzjoni ta' Malta u fl-Artikolu 5 tal- Konvenzjoni Ewropeja ghall-Protezzjoni tad-Drittijiet Umani u Libertajiet Fundamentali :*

*i. billi l-ammont li jista' jkun stabbilit mill-Qorti fis-sentenza jew f'kull ordni iehor wara, bhala rappresentanti l-ispejjez li jkollhom x'jaqsmu mal-ħatra ta' esperti jew periti fil-proċeduri, inklużi dawk tal-esperti li jkunu ġew maħtura fl-istadju tal-proċess verbal tal-inkjesta, u li ghalihom il-hati ghandu jigi kkundannat sabiex ihallas lir-Registratur, ma jikkwalifikax bhala piena permessa illi tigi inflitta mill-Qorti ai termini tal-Artikolu 7 tal-Kodici Kriminali li jittratta dwar il-pieni li jistghu jinghataw ghar-reati u ghall kontravenzjonijiet.*

*ii. billi n-nuqqas ta' hlas ta' l-ammont fuq riferit ma jikkostitwixxix reat kontemplat fil-Kodici Kriminali jew f'xi ligi ohra, mentri skont il-fuq imsemmi Artikolu 7 tal-Kodici Kriminali l-piena ta' prigunerija hija mahsuba biss bhala piena illi tista' tinghata f'kaz ta' htija ghal xi reat.*

*iii billi huwa biss f'kaz ta' xi reat illi d-dritt fundamentali ghall-liberta' tal-persuna tista' tigi legittimament mittiefsa, u dana permezz tal-imposizzjoni tal-piena ta' prigunerija wara li l-persuna koncernata tkun instabet hatja tat-twettiq ta' tali reat.*

*Ghalhekk jemergi car u manifest illi l-operat tad-disposizzjonijiet tal-paragrafu (2) tal-Artikolu 533 tal-Kodici Kriminali, in kwantu jobbligaw lill-Qorti, fuq rikors tar-Registratur, sabiex tbiddel fi prigunerija l-ammont maqtugh mill-istess Qorti bhala spejjez li jkollhomx'jaqsmu mal-ħatra ta' esperti jew periti fil-proċeduri, inklużi dawk tal-esperti li jkunu ġew maħtura fl-istadju tal-proċess verbal tal-inkjesta, bil-kalkolu ta' ġurnata għal kull ħdax-il euro u ħamsa usittin ċenteżmu (11.65) jew frazzjoni ta' ħdax-il euro u ħamsa usittin ċenteżmu (11.65), u tibgħat il-ħabs il-persuna ikkundannata għaż-żmien li joħroġ minn dak il-kalkolu, jirrisulta fic-cahda mhux gustifikata tad-dritt fundamentali ghall-liberta' personali u ghalhekk fi ksur lampanti tad-dispsizzjonijiet tal-Artikolu 34 tal-Kostituzzjoni ta' Malta kif ukoll tal-Artikolu 5 tal- Konvenzjoni Ewropeja ghall-Protezzjoni tad-Drittijiet Umani u Libertajiet Fundamentali.*

*Konsegwentement ukoll, ir-rikors tar-Registratur ippresentat fis-6 ta' Frar 2023 u li prezenzjalment jinsab fi stat ta' sospensjoni quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali pendenti l-esitu ta' dawn il-proceduri kostituzzjonali, huwa ghal kollox irritu u null.*

*Illi l-mera fatt illi l-persuna mibgħuta l-ħabs minħabba li ma tkunx ħallset dawk l-ispejjeż tista' teħles mill-piena mibdula f'ħabs billi tħallas l-ispejjeż stabbiliti mill-qorti, bit-tnaqqis ta' dik il-biċċa minnhom daqs kemm hija tkun skuntat f'ħabs bil-kalkolu fuq msemmi, u dana skont dak li huwa provdut fil-proviso ghall-istess paragrafu (2) tal-imsemmi Artikolu 533 tal-Kodici Kriminali, ma jnaqqas xejn mill-fatt illi l-fuq riferiti disposizzjonijiet tal-istess paragrafu (2) tal-Kodici Kriminali huma inkonsistenti mad-drittijiet fundamentali tal-bniedem fuq citati.*

*2 fit-tieni lok, rigwardanti l-ksur tad-dritt fundamentali tal-esponent ghat-tgawdija tad-drittijiet u libertajiet kontemplati fl-imsemmija Konvenzjoni Ewropeja ghall-Protezzjoni tad-Drittijiet Umani u Libertajiet Fundamentali minghajr diskriminazzjoni ghal kull raguni, kif protett fl-Artikolu 14 tal-istess Konvenzjoni mehud flimkien mal-imsemmi Artikolu 5 tal-istess Konvenzjoni, minghajr pregudizzju ghall-fuq premess, u f'kaz illi dina l-Onrabbli ma kellhiex issib illi d-disposizzjonijiet tal-paragrafu (2) tal-Artikolu 533 tal-Kodici Kriminali jiksru d-disposizzjonijiet tal-Artikolu 34 tal-Kostituzzjoni ta' Malta u tal-Artikolu 5 tal- Konvenzjoni Ewropeja ghall-Protezzjoni tad-Drittijiet Umani u Libertajiet Fundamentali :*

*i. billi l-ghazla tar-Registratur tal-Qrati u Tribunali Kriminali sabiex jipprocedi fil-konfront tal-esponent, permezz tar-Rikors tieghu tas-6 ta' Frar 2023 , a basi tal-imsemmi paragrafu (2) tal-Artikolu 533 tal-Kodici Kriminali, minflok ma jipprocedi a basi tal-paragrafu (3) tal-istess Artikolu 533 tal-Kodici Kriminali li jippermetti lir-Registratur sabiex jigbor lis-spejjez li jkollhom x' jaqsmu mal-hatra ta' esperti jew periti fil-proceduri , inkluzi dawk tal-esperti li jkunu gew mahtura fl-istadju tal-process verbal tal-inkjesta, bhala dejn civili, tikkostitwixxi agir arbitrarju u diskriminatorju tal-istess Registratur fil-konfront tal-istess esponent, bi ksur tal-Artikolu 14 tal-Konvenzjoni Ewropeja ghall-Protezzjoni tad-Drittijiet Umani u Libertajiet Fundamentali meta dana l-artikolu jittiehed flimkien mal-Artikolu 5 tal-istess Konvenzjoni.*

*Dana l-agir arbitrarju u diskriminatorju tar-Registratur, minnu mwettaq skont il-poteri ghal kollox assoluti u arbitrarji vestiti fih permezz tal-paragrafu (2) tal-Artikolu 533 tal-Kodici Kriminali, iwassal sabiex fil-kaz odiern l-esponent jigi possibilment ikkundannat ghal prigunerija addizzjonali ta' 2004 jiem (skont kif mitlub mill-istess Registratur), ossia ghal prigunerija addizzjonali ta' kwazi sitt (6) snin; mentri li kieku r-Registratur ghazel li jipprocedi a bazi tal-paragrafu (3), skont kif kellu kull setgha u poter li jaghmel, ma kienx imbaghad ikun possibbli li l-esponent jigi soggettat ghal tali perijodu addizzjonali ta' prigunerija. Dina d-diskriminazzjoni fil-konfront tal-esponent temergi aktar harxa meta wiehed jikkunsidra illi l-perijodu addizzjonali ta' prigunerija imfittex mir-Registratur jeccedi bil-bosta l-perijodu ta' prigunerija mhux insinifikanti li*

*ghalih l-esponent kien gia' gie kkundannat bhala piena karcerarja ghall-kummissjoni tar-reat li ghalih kien instab hati fuq ammissjoni bikrija tieghu stess, u ghalhekk huwa ghal kollox sproporzjonat.*

Rat id-dokumenti ppreżentati mar-rikors (fol 10 sa fol 32);

Rat id-digriet tagħha tat-2 ta' Ottubru 2023 u li permezz tiegħu l-kawża ġiet appuntata għas-27 ta' Ottubru 2023 fid-9:30 a.m.

Rat ir-**risposta** tal-**Avukat tal-Istat** intavolata fid-19 ta' Ottubru 2023 (fol 37) li permezz tagħha eċċeppixxa:

*Ir-rikorrent qiegħed jallega li l-Artikolu 533(2) tal-Kap. 9 tal-Liġijiet ta' Malta, li jippermetti l-konverżjoni tal-ispejjeż peritali f'kawża kriminali, hu leżiv tal-jedd tiegħu għal-libertà personali kif sanċit mill-Artikolu 34 tal-Kostituzzjoni ta' Malta u mill-Artikolu 5 tal-Konvenzjoni Ewropea dwar id-Drittijiet tal-Bniedem. Ulterjorment jargumenta li jekk din l-Onorabbli Qorti ma taqbilx ma' dak premess, jallega wkoll li l-għażla tar-Reġistratur tal-Qrati Kriminali li jitlob għall-konverżjoni tal-ispejjeż peritali f'priġunerija minflok jiġborhom ċivilment kienet leżiva tal-Artikolu 14 tal-Konvenzjoni Ewropea moqri flimkien mal-Artikolu 5 tal-istess Konvenzjoni.*

*Il-pretensjonijiet tar-rikorrent huma infondati fil-fatt u fid-dritt u dan għas-segwenti raġunijiet li qegħdin jingħataw mingħajr preġudizzju għal xulxin. Qabel ma jingħataw l-eċċezzjonijiet, sejjer isir aċċenn għall-fatti pertinenti sabiex dina l-Onorabbli Qorti jkollha l-isfond kollu quddiemha.*

***<u>L-Isfond Fattwali</u>***

*Nhar l-4 ta' Ġunju, 2022, ir-rikorrent tressaq taħt arrest quddiem il-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti Istruttorja mixli b'diversi imputazzjonijiet, bl-imputazzjoni prinċipali tkun li kkawża ġrieħi ta' natura gravi fuq individwu. Fost affarijiet oħra, fiċ-ċitazzjoni l-Prosekuzzjoni talbet sabiex f'każ ta' ħtija li l-imputat jiġi kkundannat iħallas l-ispejjeż kollha marbuta mal-ħatra ta' esperti jew periti fil-proċeduri in kwistjoni, u dan ai termini tal-Artikolu 533 tal-Kap. 9 tal-Liġijiet ta' Malta.*

*Fit-12 ta' Ottubru, 2022, l-imputat ammetta l-imputazzjonijiet kollha miġjuba fil-konfront tiegħu. Permezz ta' sentenza mogħtija dakinhar stess, ir-rikorrent ġie kkundannat għall-piena ta' erba' (4) snin priġunerija. Apparti minn hekk, il-Qorti ordnat is-segwenti:*

*"Il-Qorti, bis-saħħa tad-dispost ta' l-Artikolu 533 tal-Kap. 9, tordna lill-ħati sabiex iħallas lir-Reġistratur tal-Qorti, l-ispejjeż skond il-Liġi. Konsegwentement qed tordna li kopja ta' din is-sentenza tiġi komunikata lir-Reġistratur (Qrati u Tribunali Kriminali) sabiex isseħħ l-eżekuzzjoni ta' din l-ordni skond il-liġi."*

***Ir-rikorrent ma appellax minn din is-sentenza u għalhekk għaddiet in ġudikat****.*

*Wara li l-ispejjeż ġew ikkomputati, ir-Reġistratur tal-Qrati Kriminali bagħat lir-rikorrent biex iħallashom. Skond id-dokument 'Ċ' anness mar-rikors promotur,*

*jidher li l-ittra tar-Reġistratur waslet il-Faċilità Korrettiva ta' Kordin fl-24 ta' Diċembru, 2022. B'kollox l-ispejjeż indikati mir-Reġistratur ammontaw għal €23,347.98.*

*Jidher li r-rikorrent ma ħallasx dan l-ammont jew imqar parti minnu.*

*Kien għalhekk li r-Reġistratur talab li dawn l-ispejjeż jiġu konvertiti f'priġunerija ai termini tal-Artikolu 533(2) tal-Kap. 9.*

*Ir-rikorrent ikkomunika mar-Reġistratur tramite l-avukat tiegħu fejn ikkontesta dan kollu. Min-naħa tiegħu, ir-Reġistratur żamm mal-pożizzjoni tiegħu u rrespinġa l-pretensjonijiet tar-rikorrent.*

*Kien għalhekk li r-rikorrent ippreżenta rikors fl-atti tal-proċeduri kriminali deċiżi. Wara li l-Qorti tal-Maġistrati semgħet lill-partijiet kollha konċernati, fil-15 ta' Settembru, 2023, l-istess Qorti rrevokat contrario imperio l-konverżjoni f'priġunerija u rriżervat li tipprovdi dwar it-talba tar-Reġistratur biex l-ispejjeż jiġu konvertiti sakemm jiġu deċiżi dawn il-proċeduri kostituzzjonali.*

***<u>L-Eċċezzjonijiet</u>***

1. *Preliminarjament, ladarba r-rikorrent qiegħed jilmenta dwar l-aġir tar-Reġistratur tal-Qrati Kriminali, u saħansitra talab għal dikjarazzjoni li l-għażla tar-Reġistratur tal-Qrati Kriminali li jitlob għal konverżjoni tal-ispejjeż peritali f'priġunerija kienet waħda leżiva tal-jeddijiet fundamentali tiegħu,* ***għall-integrità tal-ġudizzju****, jeħtieġ li r-Reġistratur tal-Qrati Kriminali jiġi* ***kjamat in kawża****, u dan a spejjeż tar-rikorrent.*

2. *Mingħajr preġudizzju għas-suespost, ai termini tal-provisos tal-***Artikolu 46(2)*** tal-Kostituzzjoni u tal-***Artikolu 4(2)*** tal-Kap. 319 tal-Liġijiet ta' Malta, din l-Onorabbli Qorti għandha tiddeklina milli teżerċita s-setgħat tagħha in vista tan-nuqqas ta' eżawriment tar-rimedji ordinarji li kienu u għadhom disponibbli għar-rikorrent.*

3. *Mingħajr preġudizzju għas-suespost, u* ***fil-mertu****, fl-ewwel talba tar-rikorrent ġie allegat li d-dispożizzjonijiet tal-Artikolu 533(2) tal-Kap. 9 huma leżivi tal-jedd għal-libertà personali kif sanċit mill-***Artikolu 34*** tal-Kostituzzjoni u l-***Artikolu 5*** tal-Konvenzjoni Ewropea.*

   *Qabel xejn, għandu jiġi mfakkar li l-iskop ta' dawn iż-żewġ artikoli huwa sabiex jiġi eliminat, u jkun hemm miżuri protettivi kontra, id-detenzjoni arbitrarja. Iż-żewġ artikoli in kwistjoni iżda jikkonċedu li d-deprivazzjoni tal-libertà hi permessibbli meta ssir skond il-Liġi u meta tali deprivazzjoni hi konsistenti ma' wieħed mill-għanijiet eżawrjenti indikati fiż-żewġ artikoli.*

   *Fil-każ odjern, ir-rikorrent qiegħed jattakka d-dispożizzjonijiet tal-Artikolu 533(2) tal-Kap. 9. Tali sub-artikolu jipprovdi għall-konverżjoni tal-ispejjeż peritali mhux imħallsa f'kawża kriminali f'priġunerija effettiva. Ai termini tal-Artikolu 34(1)(d) tal-Kostituzzjoni, id-deprivazzjoni tal-libertà hi permessibbli:*

   *"fl-esekuzzjoni tal-ordni ta' qorti magħmul biex jiżgura twettiq ta' xi obbligu impost lilu b'liġi"*

   *Bl-istess mod, ai termini tal-Artikolu 5(1)(b), id-deprivazzjoni tal-libertà hi permessibbli meta:*

*"l-arrest jew id-detenzjoni skont il-liġi ta' persuna għal nuqqas ta' tħaris ta' ordni skont il-liġi ta' qorti jew sabiex jiġi żgurat it-twettiq ta' xi obbligu preskritt mil-liġi"*

*Huwa paċifiku li n-nuqqas li titħallas multa hi raġuni li tista' tiġġustifika l-arrest (ara per eżempju:* ***Airey v. L-Irlanda***,[1] ***Gatt v. Malta***,[2] *u* ***Velinov v. L-Ex-Repubblika Jugoslava tal-Maċedonja***[3]*).*

*Fil-każ odjern, flok multa, ir-rikorrent kien jaf li kien ser ikollu jħallas l-ispejjeż peritali. Hu ma ressaq ebda appell fuq dan il-punt u għaldaqstant, hekk kif is-sentenza tiegħu għaddiet in ġudikat, hu kien issoġġetta ruħu definittivament għal tali ordni. Sussegwentement, irċieva l-ordni biex iħallas l-ispejjeż tal-esperti. Ir-rikorrent għalhekk ingħata l-opportunità li jirregola l-pożizzjoni tiegħu u xorta ma ħallasx l-ispejjeż li kien obbligat li jħallas. Hu kien mgħarraf ukoll li jekk ma jħallasx dawn l-ispejjeż, kienu ser jiġu konvertiti f'priġunerija effettiva, u r-rata tal-konverzjoni hi espliċitament mogħtija fl-Artikolu 533(2) tal-Kap. 9, allura r-rikorrent ma jistax jargumenta li kienet imprevedibbli. Minkejja dan kollu, ir-rikorrent xorta waħda ma ħallasx dak dovut minnu.*

*L-iskop tal-Artikolu 533 huwa sempliċi; meta persuna tiġi misjuba ħatja, l-Istat Malti għandu mezz ta' kif uħud mill-ispejjeż li jkun żborża sabiex ottjena tali sejbien ta' ħtija jkunu jistgħu jiġu rkuprati. It-theddida ta' priġunerija hi intenzjonata sabiex tinċentiva lill-ħati jħallas dak dovut minnu, altrimenti jġorr ir-riskju li jitlef il-libertà tiegħu. Fl-istess ħin, il-konverżjoni ma hiex waħda awtomatika; persuna tingħata l-opportunità li tirregola l-pożizzjoni tagħha u b'hekk tevita s-sanzjoni iebsa li hi d-deprivazzjoni tal-libertà. Apparti minn hekk, il-Liġi tipprovdi sabiex persuna li tkun detenuta wara konverżjoni ta' spejjeż f'ħabs tkun tista' tagħmel pagamenti biex tnaqqas miż-żmien li għandha tinżamm detenuta.*

*Magħdud kollox għalhekk, id-dispożizzjonijiet tal-Artikolu 533(2) tal-Kap. 9 jissodisfa r-rekwiżiti kollha tal-jedd għal-libertà. Kwalunkwe deprivazzjoni tal-libertà taħt l-artikoli konċernati hi bbażata fuq proċedura preskritta b'liġi, għal raġuni espressament kontemplata fl-istess artikoli u konformi mal-ġurisprudenza applikabbli għal dan il-punt.*

*Għaldaqstant, din l-Onorabbli Qorti għandha tiċħad l-ewwel talba tar-rikorrent.*

4. *It-tieni talba tar-rikorrent hi waħda alternattiva għall-ewwel talba tiegħu u permezz tagħha hu qiegħed jitlob għal dikjarazzjoni li l-għażla tar-Reġistratur li jipproċedi ai termini tal-Artikolu 533(2) minflok l-Artikolu 533(3) hi leżiva tal-Artikolu 14 tal-Konvenzjoni moqri flimkien mal-Artikolu 5 tal-istess.*

   *L-ewwel nett, l-esponent ma huwiex il-leġittimu kontradittur ta' din it-talba u semmai, huwa r-Reġistratur tal-Qrati Kriminali li għandu jwieġeb għaliha.*

   *Fit-tieni nett, u mingħajr preġudizzju għas-suespost, din it-talba hi kompletament infondata għal diversi raġunijiet. In kwantu għall-Artikolu*

[1] Airey v. L-Irlanda (6298/73), Kummissjoni Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem, 7 ta' Lulju, 1977.
[2] Gatt v. Malta (28221/08), Qorti Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem, 27 ta' Lulju, 2010.
[3] Velinov v. L-Ex-Repubblika Jugoslava tal-Maċedonja, Qorti Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem, 19 ta' Settembru, 2013.

*14, għandu jitfakkar li fil-prinċipju, leżjoni taħt dan l-artikolu tista' sseħħ biss jekk jinstab ksur ta' jedd fundamentali ieħor tal-Konvenzjoni Ewropea. Fil-prattika, u f'dan il-każ, ifisser li jekk din l-Onorabbli Qorti ma ssibx ksur tal-Artikolu 5 tal-Konvenzjoni, ma jista' jkun hemm ebda sejbien ta' leżjoni taħt l-Artikolu 14.*

*Għalhekk, in kwantu għall-Artikolu 5, referenza ssir għal dak kollu eċċepit fl-eċċezzjoni preċedenti peress li huwa rilevanti anke fil-kuntest ta' din it-talba.*

*Ir-rikorrent jallega li l-għażla tar-Reġistratur hi diskriminatorja iżda l-esponent ma jara ebda mod kif seħħet xi forma ta' diskriminazzjoni f'dan il-każ. L-Artikolu 533 jagħti lir-Reġistratur żewġ modijiet ta' kif jipproċedi biex jiġbor l-ispejjeż peritali: b'talba għal konverżjoni f'priġunerija jew billi jiġborhom bħala dejn ċivili. L-għażla hi kompletament fid-diskrezzjoni tar-Reġistratur u ma hemm ebda materja jew kwistjoni msemmija fil-Liġi li tikkonstrinġi lir-Reġistratur jagħżel għażla waħda flok l-oħra.*

*Apparti minn hekk, l-għażla tar-Reġistratur kienet raġonevoli u loġika fil-każ odjern. Ir-Reġistratur bagħat lir-rikorrent biex iħallas, u dan tal-aħħar baqa' inadempjenti. Jekk ir-rikorrent lanqas biss offra pagament meta hemm it-theddida ta' ħabs, x'prospetti kellu, u għandu, ir-Reġistratur li jiġbor flejjes mir-rikorrent?*

*Fuq kollox, ladarba r-rikorrent qiegħed jallega li seħħet diskriminazzjoni fil-konfront tiegħu, jinkombi fuqu juri kif hu ġie trattat differenti minn ħaddieħor fl-istess pożizzjoni u li tali trattament differenti ma huwiex ġustifikabbli.*

*Għaldaqstant, anke din it-talba għandha tiġi miċħuda.*

5. *Magħdud dan kollu għalhekk, l-esponent jissottometti li ma seħħ, u ma huwiex ser iseħħ, ksur tal-jeddijiet fundamentali tar-rikorrent. Ulterjorment, l-esponent jissottometti li t-talbiet tar-rikorrent huma fiergħa u vessatorja, intiżi unikament biex hu jevita l-konsegwenzi ta' għemilu wara l-ħerba li ħalla warajh fejn b'xorti tajba ma kienx hemm eżitu aktar traġiku u għaldaqstant, din l-Onorabbli Qorti għandha tiddikjarhom bħala tali.*
6. *Salv eċċezzjonijiet ulterjuri.*

Rat illi fl-udjenza tas-27 ta' Ottubru 2023, id-difensuri tar-rikorrent talbu l-kjamat in kawża tar-Reġistratur tal-Qrati Kriminali, liema talba ġiet milqugħa. Rat ukoll illi bi qbil mad-difensuri tal-partijiet, il-Qorti ordnat lill-istess Reġistratur sabiex jippreżenta l-proċess relattiv għall-proċeduri fl-ismijiet **Il-Pulizija Jean Paul Attard vs Fernando Gonzalo-Noel Sanchez** (quddiem il-Maġistrat Ian Farrugia).

Rat ir-**risposta** tar-**Reġistratur Qrati u Tribunali Kriminali** tat-18 ta' Marzu 2024, li permezz tagħha eċċepixxa:

1. *Illi in linea preliminari jiġi eċċepit li r-Reġistratur Qrati u Tribunali Kriminali m'huwiex il-leġittimu kontradittur għall-lanjanzi attriċi u għalhekk għandu jiġi lliberat mill-osservanza tal-ġudizzju bl-ispejjez kontra r-rikorrenti;*

2. *Illi mingħajr preġudizzju għas-suespost jiġi rilevat illi huwa l-obbligu tal-esponenti Reġistratur li jagħmel dak kollu meħtieġ sabiex kwalsiasi spejjeż peritali inflitti tramite sentenzi tal-Qorti jiġu mħallsa;*

3. *Illi qabel ma l-esponenti intavola r-rikors sabiex l-spejjez peritali jiġu konvertiti fi priġunerija, r-rikorrent kien ġie infurmat permezz ta' ittra interpellatorja sabiex iħallas is-somma dovuta u li fin-nuqqas ta' ħlas dawn setgħu jiġu konvertiti fi priġunerija;*

4. *Illi sussegwentement l-esponenti intavola rikors sabiex l-spejjeż peritali li ġie ikkundannat iħallas ir-rikorrenti jiġu konvertiti fi priġunerija stante li dawn baqgħu ma tħallsux;*

5. *Illi in oltre jigi rilevat illi ai termini tal-artikolu 533, hija prerogattiva tal-esponenti Reġistratur jekk jipproċediex b'rikors għal konverzjoni fi priġunerija jew inkella jipproċedi biex jiġbor l-spejjeż peritali bħala dejn ċivili. Tant hu hekk illi l-artikolu 533(3) jistipula 'Iżda ir-reġistratur jista' jiġbor l-spejjeż hawn fuq msemmija bħala dejn ċivili...';*

6. *Illi jingħad ukoll li wara li ġie intavolat ir-rikors, l-Onorabli Qorti tal-Maġistrati akkordat ir-rikors surreferit, u għaldaqstant l-esponenti fuq ordni tal-istess Qorti kien obbligat li joħroġ dokument sabiex ir-rikorrenti jinżamm il-ħabs;*

7. *Illi rigwardanti l-fatt li r-rikors ma ġiex appuntat għas-smigħ, żgur li ma jweġibiex l-esponenti u għal dan il-għan ssir riferenza għas-sentenza fl-ismijiet Mark Lombardo et vs Kunsill Lokali Fgura deċiża mill-Qorti Kostituzzjonali fis-7 ta' Ottubru, 2005 fejn ġie ritenut:*

   *'Kwantu għall-appellat Reġistratur, Qrati Ċivili u Tribunali ma jidhirx li jista' jkun hemm l-iċken dubbju li dan ma hux il-leġittimu kontradittur f'din il-kawża. Ir-Reġistratur ma jirrapreżentax lill-Qrati li l-operat tagħhom ġie attakkat bir-rikors promotorju - anzi, bil-kontra, huwa jieħu l-ordnijiet mingħandhom skond il-liġi - u hu ma hux f'posizzjoni li jagħti rimedju effettiv kieku stess din il-Qorti kellha ssib x'tiċċensura fuq il-livell kostituzzjonali fl-operat ta' dawk il-Qrati.*

8. *Illi in oltre ssir riferenza għas-sentenza fl-ismijiet Carmelo sive Charles Delia et vs Reġistratur tal-Qrati et deċiża mill-Qorti Kostituzzionali fil-25 ta' April 1990, fejn dwar il-posizzjoni tar-Reġistratur u tad-Direttur tal-Qrati speċifikatament intqal li r-Reġistratur tal-Qrati m'għandux ir-rappreżentanza tal-Qrati u hu mhux persuna leġittima biex joqgħod f'kawża fejn jiġi allegat li d-drittijiet fundamentali tar-rikorrent ġew vjolati bi proċeduri pendenti quddiem il-Qorti.*

9. *Salvi, jekk ikun il-każ, eċċezzjonijiet ossia risposti ulterjuri.*

Rat illi fl-udjenza tat-18 ta' Marzu 2024, xehdet **Stephania Calafato Testa, Assistent Reġistratur tal-Qrati Kriminali** u ppreżentat dokument (Dok SCT1) għall-fini ta' allegazzjoni tiegħu mal-atti ta' din il-kawża. Rat ukoll id-dikjarazzjoni tad-difensuri tar-rikorrenti li ma kellhomx aktar provi x'jipproduċu.

Rat illi fl-udjenza tad-29 ta' Marzu 2024, id-difensur tal-Avukat tal-Istat iddikjara li ma kellux provi x'jipproduċi. Rat ukoll id-dikjarazzjoni tal-Qorti fejn l-provi tal-partijiet ġew dikjarati magħluqa.

Rat in-noti ta' sottomissjonijiet finali estensivi tar-rikorrent u tal-Avukat tal-Istat.

Rat illi fl-udjenza tal-11 ta' Ottubru 2024, id-difensuri tar-rikorrent u tal-Avukat tal-Istat trattaw il-kawża u għalhekk il-Qorti ħalliet il-kawża għall-udjenza ta' llum għad-deċiżjoni.

**Ikkunsidrat:**

Illi mill-provi prodotti, jirriżultaw is-segwenti **fatti**:

Illi r-rikorrent permezz tar-rikors promotur tiegħu talab lil din il-Qorti tiddikjara li l-operat tal-**Artikolu 533(2) tal-Kap 9 tal-Liġijiet ta' Malta** jikser id-drittijiet tar-rikorrent kif sanċiti taħt l-artikolu 34 tal-Kostituzzjoni ta' Malta u l-Artikolu 5 tal-Konvenzjoni Ewropea u sussidjarjament li l-aġir tar-Reġistratur tal-Qrati u Tribunal Kriminali jikser id-drittijiet tar-rikorrent kif sanċiti bl-Artikolu 14 flimkien mal-Artikolu 5 tal-Konvenzjoni Ewropea u jikkostitwixxi aġir diskriminatorju fil-konfront tar-rikorrent.

Jispjega li fl-4 ta' Ġunju 2022, hu tressaq quddiem il-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti Istruttorja b'numru t'akkuži, kif elenkati fir-rikors tiegħu, minn liema akkuži nstab ħati mill-istess Qorti permezz tas-sentenza fl-ismijiet **Il-Pulizija (Spettur Jean Paul Attard) vs Fernandez Gonzalo-Noel Sanchez** (Ref: 295/2022) deċiża fit-12 t'Ottubru 2022 u dan fuq ammissjoni tiegħu stess, u ngħata l-piena ta' erba' (4) snin priġunerija u ġie kkundannat iħallas l-ispejjeż.

Sussegwentament, ir-Reġistratur tal-Qrati u Tribunali Kriminali permezz ta' ittra datata 21 ta' Diċembru 2022 interpella lir-rikorrent sabiex iħallas is-somma ta' tlieta u għoxrin elf, tliet mija u sebgħa u erbgħin Ewro u tmienja u disgħin ċenteżmu (€23,347.98) għall-ispejjeż peritali in konnessjoni man-nomina u konferma tal-esperti fl-imsemmija kawża.

Jgħid li in segwitu għal dan, ir-Reġistratur tal-Qrati u Tribunali Kriminali, fis-6 ta' Frar 2023, intavola rikors quddiem il-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali fejn talab li l-imsemmija spejjeż jiġu kkonvertiti fi priġunerija ai termini tal-Artikolu 533(2) tal-Kap 9 tal-Liġijiet ta' Malta, liema ammont jiġi kkonvertit f'elfejn u erbgħa ġranet ta' priġunerija, liema talba ġiet milqugħa permezz ta' digriet tal-istess Qorti datat 13 ta' Frar 2003.

Jispjega li hu ma kienx notifikat bl-imsemmi rikors u lanqas ma ġie notifikat bid-digriet sussegwenti. Jgħid li għalhekk kiteb lir-Reġistratur fid-19 t'April 2023 u ċaħad il-pretensjoni. Jispjega li mir-risposta tar-Reġistratur datata 26 ta' April 2023 sar jaf bir-rikors u d-diġriet.

Jgħid li fis-17 t'Awwissu 2023 ippreżenta rikors lill-istess Qorti f'dan is-sens, liema rikors ġie milqugħ u għalhekk permezz ta' digriet datat l-4 ta' Settembru 2023, id-digriet tat-13 ta' Frar 2003 ġie revokat *contrario imperio* u kien ordnat is-smigħ tar-rikors.

Jispjega li sussegwentament fil-15 ta' Settembru 2023 sar is-smigħ quddiem dik il-Qorti fejn id-difensur tiegħu talab żmien sabiex jintavola l-proċeduri odjerni u l-Qorti laqgħet it-talba.

Isostni illi d-dritt fundamentali tar-rikorrent għall-liberta' personali tiegħu kif sanċit mill-Artikolu 34 tal-Kostituzzjoni ta' Malta u bl-Artikolu 5 tal-Konvenzjoni Ewropea flimkien mal-Artikolu 14 tal-Konvenzjoni Ewropea ġew leżi.

Jikkontendi li tali ksur jikkonsisti fil-fatt li l-ammonti stabbiliti mill-Qorti bħala spejjeż relatati m'esperti ma jikkwalifikawx bħala piena permessa illi tiġi inflitta mill-Qorti ai termini tal-Artikolu 7 tal-Kap 9 tal-Liġijiet ta' Malta billi dik il-piena hija maħsuba biss bħala piena illi tista' tingħata f'każ ta' ħtija għal xi reat u billi huwa biss fil-każ ta' xi reat li d-drittijiet fuq ċitati ma jiġux mittiefsa.

Isostni għalhekk li l-operat tad-disposizzjonijiet tal-Artikolu 533(2) tal-Kap 9 tal-Liġijiet ta' Malta jirriżulta f'ċaħda mhux ġustifikata tal-imsemmija drittijiet u għalhekk it-talba li għandu pendenti r-Reġistratur hija waħda rrita u nulla.

Sussidjarjament jikkontendi li l-għażla tar-Reġistratur li jipproċedi bit-talba taħt l-Artikolu 533(2) tal-Kap 9 u mhux taħt l-Artikolu 533(3) fejn l-ispejjeż jiġu kkonvertiti f'dejn ċivili hija waħda diskriminatorja fil-konfront tar-rikorrent u dana partikolarment in vista tal-fatt li l-perjodu ta' priġunerija jkun jeċċedi l-perjodu ta' priġunerija mogħtija bis-sentenza oriġinali tal-Qorti fil-konfront tar-rikorrent.

Min-naħa tiegħu l-**Avukat tal-Istat** jibda billi jemfasizza li bħala stat ta' fatt, ir-rikorrent m'appella bl-ebda mod id-deċiżjoni tat-12 t'Ottubru 2022 fejn ġie kkundannat iħallas l-ispejjeż tal-proċeduri u kien għalhekk li r-Reġistratur seta' jipproċedi taħt l-artikolu 533(2) tal-Kap 9 tal-Liġijiet ta' Malta.

In linea preliminari jeċċepixxi li għandu jkun kjamat-in-kawża ir-Reġistratur tal-Qrati u Tribunali Kirminali għall-integrita' tal-ġudizzju. Jeċċepixxi wkoll li din il-Qorti għandha tiddeklina milli teżerċita s-setgħat tagħha ai termini tal-Artikolu 46(2) tal-Kostituzzjoni u l-Artikolu 4(2) tal-Kap 319 tal-Liġijiet ta' Malta stante li naqas milli jeżawrixxi r-rimedju ordinarji.

Fil-mertu isostni li l-Artikolu 533(2) tal-Kap 9 tal-Liġijiet ta' Malta mhuwiex leżiv tad-drittijiet sanċiti bl-artikolu 34 tal-Kostituzzjoni u l-Artikolu 5 tal-Konvenzjoni Ewropea stante li d-deprivazzjoni ta' liberta' in kwistjoni hija permessibli taħt l-Artikolu 34(1)(d) tal-Kostituzzjoni u taħt l-artikolu 5(1)(b) tal-Konvenzjoni Ewropea u għalhekk l-ewwel talba tar-rikorrent għandha tiġi miċħuda.

Fir-rigward tat-tieni talba jgħid li primarjament hu mhuwiex il-leġittimu kontradittur u huwa r-Reġistratur li għandu jwieġeb għal dan. Oltre' minn hekk, isostni li t-talba hija infondata stante li l-Artikolu 14 tal-Kovenzjoni Ewropea jidħol fis-seħħ biss jekk kemm-il darba jinsab li hemm ksur tal-Artikolu 5. Isostni li sta għar-rikorrent li juri u jipprova kif seħħet tali diskriminazzjoni.

Da parti tiegħu, il-kjamat in kawża **Reġistratur Qrati u Tribunali Kriminali,** in linea preliminari jgħid li mhuwiex il-leġittimu kontradittur.

Fil-mertu jsostni illi huwa l-obbligu tiegħu li jagħmel dak meħtieġ sabiex spejjeż peritali jiġu mħallsa. Isostni li qabel ma pproċeda bir-rikors tiegħu, r-Reġistratur kien informa lir-rikorrent bl-ispejjeż dovuti.

Jispjega li hija prerogattiva tar-Reġistratur li jiddetermina liema kors t'azzjoni jieħu f'dan ir-rigward.

**Ikkunsidrat Ulterjorment:**

Illi mis-**sottomissjonijiet** u t-**trattazzjoni** magħmula mill-abbli difensuri tal-partijiet, il-Qorti tislet is-segwenti:

**Ir-rikorrent,** fis-sottomissjonijiet tiegħu jibda billi jindirizza l-kumment tal-Avukat tal-Istat li r-rikorrent m'appellax mis-sentenza. Jispjega li r-rikorrent huwa ta' nazzjonalita' Spanjola li m'għandhux għarfien tas-sistema Maltija u għalkemm kien assistit minn difensur legali u interpretu, ċertament li ma fehemx ir-ramifikazzjonijiet tal-kundanna tal-ispejjeż, li sa dak il-punt kien għadhom lanqas biss huma kwantifikati u b'hekk ċertament ma kienx jaf li dan seta' jfisser li jkun ikkundannat għal elfejn u erbat' (2004) ijiem oħra ta' priġunerija. Isostni li dak reġistrat fil-verbali huwa li r-rikorrent fehem il-konsegwenzi tal-ammissjoni tiegħu fir-rigward tal-piena iżda ċertament mhux fir-rigward tal-ispejjeż.

Jikkontendi li l-fakultajiet mogħtija lir-Reġistratur taħt l-Artikolu 392C tal-Kap 9 ma jiswiex sabiex jikklassifika l-kundanna dwar il-ħlas tal-ispejjeż li huma essenzjalment dejn ċivili għal piena kriminali sanċita u kontemplata mil-liġi.

Jgħid illi r-rikorrent ġie mgħarraf biss bis-somma permezz tal-ittra datata 21 ta' Diċembru 2022 u ċioe' meta kien għadda ż-żmien tal-appell. Oltre' minn hekk kwalunkwe appell ma kien ikollu l-ebda effett fuq aggravju kostituzzjonali.

Isostni li fil-fatt l-aggravju kostituzzjonali huwa fuq l-operat tal-Artikolu 533(2) tal-Kap 9 tal-Liġijiet ta' Malta li jagħti lok għal deprivazzjoni tal-liberta' personali mhux ġustifikata u sussidjarjament li l-għażla tar-Reġistratur li jagħżel li jikkonverti s-somma mitluba fi snin ta' priġunerija u mhux f'danni ċivili kienet waħda diskriminatorja.

Oltre' minn hekk isostni li mkien il-liġi ma tipprovdi illi n-nuqqas ta' ħlas tal-ispejjeż jikkostitwixxi fih innifsu xi reat jew offiża kriminali. Jispjega li l-Artikolu 533(2) jipprovdi biss għal possibilita' ta' konverżjoni ta' spejjeż fi snin ta' priġunerija u għalhekk jikkontendi li anke b'applikazzjoni tal-prinċipju *nullum crimen sine lege u nullum poena sine lege*, tali konverżjoni tikkostitwixxi deprivazzjoni tal-liberta' li tmur kontra l-artikoli ċitati.

Jgħid li jrid jiġi eżaminat x'*locus standi* għandu r-Reġistratur, fil-kamp kriminali, in konnessjoni mal-prosekuzzjoni tal-azzjoni kriminali. Jispjega li ai termini tal-Artikolu 4(1) tal-Kap 9, l-azzjoni kriminali hija essenzjalment pubblika u titmexxa mil-Pulizija jew mill-Avukat Ġenerali u għalhekk ir-Reġistratur mhu mogħti l-ebda setgħa sabiex iġib 'il quddiem u jmexxi xi forma ta' azzjoni kriminali.

Isostni li l-Kostituzzjoni ta' Malta tippermetti d-deprivazzjoni tal-liberta' personali biss fl-eżekuzzjoni tal-ordni ta' Qorti magħmul biex jiżgura twettiq ta' xi obbligu mentri l-

Konvenzjoni Ewropea tippermettiha għal nuqqas ta' tħaris ta' ordni skont il-liġi ta' qorti jew sabiex jiġi żgurat it-twettiq ta' xi obbligu preskritt mil-liġi.

Jgħid li l-Avukat tal-Istat qed jibbaża d-difiża tiegħu fuq in-nuqqas ta' tħaris ta' ordni skont il-liġi, iżda r-rikorrenti jsostni li f'dan il-każ l-ordni li r-rikorrent irċieva ma kinitx tal-Qorti iżda tar-Reġistratur. Jikkontendi illi l-obbligu jrid ikun wieħed impost mil-liġi jew preskritt mil-liġi. Jispjega li fil-każ odjern l-ordni kienet dik tal-ħlas tal-ispejjeż kontenuta fis-sentenza ċitata, liema ordni kienet għal kollox vaga u ġenerika billi ma kienx hemm speċifikat l-ammont u lanqas iż-żmien li fih kellu jitħallas u għalhekk ir-rekwiżiti espressi tal-Artikolu 533(1) ma kienux ġew osservati.

Isostni li ż-żmien ta' priġunerija kkontempalta kien jeċċedi il-piena li ġiet imposta fuq ir-rikorrenti għar-reat propju li wettaq. Jikkontendi li deprivazzjoni tal-liberta' bħal din qatt ma tista' titqies illi hija proporzjonali u aċċettabli f'soċjeta demokratika. Dan stante illi:

1. L-Artikolu 533(2) tal-Kodiċi Kriminali ma jħalli l-ebda diskrezzjoni lill-Qorti u dana stante li l-ġudikant irid bilfors jakkorda dak li qed jitlob ir-Reġistratur bl-ammont ta' spejjeż kif stabbilit fl-artikolu u lanqas mal-artikolu jipprovdi massimu ta' priġunerija. Oltre' minn hekk, jispjega li fir-rigward ta' dawn il-jiem ta' priġunerija, dawn ma jiġux ridotti f'każ ta' mġieba tajba. Jgħid li huwa inaċċettabli li jintbagħat il-ħabs fuq xi ħaġa li ma kellux kontroll fuqha.

2. Ir-Reġistratur għadu jinsisti fuq il-konverżjoni tal-ispejjeż f'jiem ta' priġunerija.

3. Id-diskrezzjoni li għandu r-Reġistratur li jiddetermina jekk l-ispejjeż għandhomx jiġu kkonvertiti f'dejn ċivili jew f'jiem ta' priġunerija mingħajr ebda linji gwida hija minnha nnifisha arbitrarja u diskriminatorja u leżiva tal-protezzjoni mogħtija mill-Artikolu 14 flimkien mal-Artikolu 5 tal-Konvenzjoni Ewropea.

Da parti tiegħu. l-**Avukat tal-Istat** jibda billi jindirizza l-eċċezzjoni preliminari minnu mressqa fis-sens illi r-rikorrent naqas milli juża r-rimedju ordinarju disponibbli għalih u dana b'referenza għad-deċiżjoni tal-Qorti Kostituzzjonali fl-ismijiet **Carmel sive Lino Caruana vs Avukat tal-Istat** deċiża fis-7 ta' Lulju 2023.

Jispjega li r-rikorrent kien jaf mill-bidunett li seta' jiġi assoġġettat għall-ispejjeż u jekk kemm-il darba kellu xi dubju seta' kjarifika dan mad-difensur tiegħu. Jgħid li r-rikorrent dam erba' xhur biex irreġistra l-ammissjoni tiegħu u kien assistit anke f'dak il-punt. Isostni li meta ngħatat is-sentenza kellu kull fakulta' li jistaqsi u jkun f'posizzjoni li jifhem aħjar l-implikazzjonijiet tas-sentenza li ngħata. Isostni li huwa fatt li appell mis-sentenza ma sarx u b'hekk għaddiet in ġudikat u b'hekk ir-rikorrent naqas milli jeżawrixxi r-rimedju ordinarju disponibbli għalih tramite l-appell. Jelenka numru ta' deċiżjonijiet li saru propju fuq il-kap tal-ispejjeż. B'hekk jikkontendi li r-rikorrent kellu rimedju ordinarju, aċċessibli, effettiv u prattiku li seta' utilizza, iżda naqas milli jagħmel dan.

Fil-mertu, jissottometti li l-iskop tal-Artikolu 34 tal-Kostituzzjoni u l-Artikolu 5 tal-Konvenzjoni Ewropea huwa sabiex jiġi eleminat u jkun hemm miżuri protettivi kontra d-detenzjoni arbitrarja iżda l-istess artikoli jikkonċedu illi din hija permessibli fejn

meta ssir skont il-liġi u taħt waħda mill-eċċezzjonijiet provduti bl-istess artikoli u f'dan ir-rigward jirreferi għall-Artikolu 34(1)(d) tal-Kostituzzjoni u l-Artikolu 5(1)(b) tal-Konvenzjoni Ewropea. In sosten ta' dan jirreferi għad-deċiżjonijiet tal-Qorti Ewropea fl-ismijiet **Airey v L-Irlanda** deċiża fis-7 ta' Lulju 1977 u **Velinov vs l-Ex-Repubblika Jugoslava tal-Maċedonja** deċiża fid-19 ta' Settembru 2013.

Isostni li f'dan il-każ, id-detenzjoni hija bbażata fuq disposizzjoni ċara tal-liġi li segwiet ordni tal-Qorti li r-rikorrent ma kien ressaq ebda appell minnha. Oltre' minn hekk, jgħid li r-rikorrent kien ingħata ċ-ċans li jirregola ruħu qabel ma r-Reġistratur ipproċeda quddiem il-Qorti. Barra minn hekk jispjega li l-istess liġi tipprovdi għall-possibilita' li wieħed inaqqas iż-żmien ta' priġunerija billi jħallas is-somma jew parti mis-somma dovuta.

Fir-rigward tal-allegat ksur tal-Artikolu 14 tal-Konvenzjoni Ewropea, b'referenza għad-deċiżjoni tal-Qorti Ewropea fl-ismijiet **Molla Sali vs Ġreċja** deċiż fid-19 ta' Diċembru 2018, jgħid li kwalsiasi analiża tal-istess artikolu hija superfluwa jekk kemm-il darba ma jinsabx li hemm ksur tal-Artikolu 5 tal-Konvenzjoni Ewropea. Oltre' minn hekk, jgħid li r-rikorrent ma ġab l-ebda prova ta' tali diskriminazzjoni.

**Ikkunsidrat ulterjorment:**

Illi stabbiliti il-fatti u magħrufa s-sottomissjonijiet tal-partijiet, din il-Qorti sejra tgħaddi biex tikkunsidra u tiddeċiedi dwar l-eċċezzjonijiet preliminari mressqa l-quddiem mill-intimat u mill-kjamat in kawża.

**<u>Eċċezzjoni li r-Reġistratur tal-Qrati Kriminali għandu jkun parti mill-kawża</u>**

Permezz tal-ewwel eċċezzjoni tiegħu, (kontenuta fil-paragrafu fit-tieni paġna immarkat bin-numru wieħed), l-Avukat tal-Istat jeċċepixxi li għall-integrita' tal-ġudizzju, huwa meħtieġ li r-Reġistratur tal-Qrati Kriminali jiġi kjamat in kawża.

Il-Qorti tosserva li sussegwentament l-istess Reġistratur ġie kjamat in kawża u jifforma parti minn dawn il-proċeduri u b'hekk din il-Qorti tqis li l-istess eċċezzjoni ġiet sorvolata.

**Għaldaqstant, din il-Qorti ser tastjeni milli tieħu konjizzjoni ulterjuri tal-ewwel eċċezzjoni tal-Avukat tal-Istat.**

**<u>Eċċezzjoni li r-rikorrent m'eżawriex ir-rimedju ordinarju</u>**

Fit-tieni eċċezzjoni tiegħu, (kontenuta fil-paragrafu fit-tieni paġna immarkat bin-numru tnejn), l-Avukat tal-Istat jeċċepixxi li din il-Qorti għandha, ai termini tal-artikolu 46(2) tal-Kostituzzjoni u l-Artikolu 4(2) tal-Kap 319 tal-Liġijiet ta' Malta, tiddeklina milli teżerċita s-setgħat tagħha in vista tan-nuqqas ta' eżawriment tar-rimedji ordinarji li kienu u għadhom disponibbli għar-rikorrent.

Fis-sottomissjonijiet tiegħu, l-Avukat tal-Istat jindika li r-rimedju ordinarju li għalih kien qed jirreferi kien l-appell mid-deċiżjoni tal-Qorti tal-Maġistrati tat-12 t'Ottubru 2022 fejn ir-rikorrent ġie kkundannat għall-piena ta' erba' (4) snin priġunerija flimkien mal-ħlas tal-ispejjeż tal-kawża.

L-Artikolu 46 (2) tal-Kostituzzjoni jipprovdi li:

> *"(2) Il-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili għandu jkollha ġurisdizzjoni oriġinali li tisma' u tiddeċidi kull talba magħmula minn xi persuna skont is-subartikolu (1) ta' dan l-artikolu, u tista' tagħmel dawk l-ordnijiet, toħroġ dawk l-atti u tagħti dawk iddirettivi li tqis xierqa sabiex twettaq, jew tiżgura t-twettiq ta' kull waħda middisposizzjonijiet tal-imsemmija artikoli 33 sa 45 (magħdudin) li għall-protezzjoni tagħhom tkun intitolata dik il-persuna:*
>
> *Iżda l-Qorti tista', jekk tqis li jkun desiderabbli li hekk tagħmel, tirrifjuta li teżerċita s-setgħat tagħha skont dan is-subartikolu f'kull każ meta tkun sodisfatta li mezzi xierqa ta' rimedju għall-ksur allegat huma jew kienu disponibbli favur dik il-persuna skont xi liġi oħra."*

Ingħad hekk fil-każ **John Grech et vs Onor. Prim Ministru et** deċiża fid-29 t'April 201314 u konfermata mill-Qorti Kostituzzjonali fil-31 ta' Jannar 2014 –

> *"Illi din il-kwistjoni ġiet dibattuta diversi drabi fil-Qrati tagħna. Il-Qorti Kostituzzjonali daħlet fil-fond tagħha fis-sentenza tagħha fil-kawża fl-ismijiet "Dr Mario Vella vs Joseph Bannister nomine" (deċiża fis-7 ta' Marzu 1994) fejn, wara li elenkat numru ta' sentenzi preċedenti, qalet fost affarijiet oħra illi:*
>
> *"Minn din ir-rassenja kemm tal-Prim' Awla u kemm ta' din il-Qorti jistgħu jitnisslu dawn il-linji ġurisprudenzjali:*
>
> *a. Meta hu ċar li hemm meżżi ordinarji disponibbli għar-rikorrenti biex ikollu rimedju għad-danni li qed jilmenta, bħala prinċipju ġenerali dawn għandhom jiġu adoperati u r-rikors għall-organi ġudizzjarji ta' natura Kostituzzjonali għandu jsir wara li l-ordinarji jiġu eżawriti jew meta mhumiex disponibbli;*
>
> *b. Din il-Qorti Kostituzzjonali sakemm ma jirriżultawlhiex raġunijiet serji gravi ta' llegalita' jew ta' ġustizzja jew żball manifest ma tiddisturbax l-eżerċizzju ta' diskrezzjonalita' tal-ewwel Qorti kkonferita mill-artikolu 46 (2) talKostituzzjoni;*
>
> *c. Kull każ għandu l-fattispeċje partikolari tiegħu;*
>
> *d. Meta r-rikorrenti ma jkunx għamel użu minn rimedju li seta' kellu dan ma jfissirx li l-Qorti għandha tikkonsidra li ma għandhiex teżerċita l-ġurisdizzjoni tagħha jekk dak il-possibbli rimedju ma kienx pero' jirrimedja ħlief in parti l-lanjanzi tar-rikorrenti;*
>
> *e. Meta r-rikorrenti ma jkunx eżawrixxa r-rimedju ordinarji, jekk pero' dan in-nuqqas ikun ikkontribwixxa għalih l-operat ta' ħaddieħor allura ma jkunx desiderabbli illi l-Qorti tieqaf u ma tipproċedix bit-trattazzjoni tal-każ;*
>
> *f. Meta l-ewwel Qorti teżerċita d-diskrezzjoni tagħha u tieqaf mit-trattazzjoni mingħajr ma teżamina l-materja neċessarja li fuqha dik id-diskrezzjoni għandha tiġi eżerċitata, il-Qorti tat-tieni grad għandha twarrab dik id-diskrezzjoni."*

*Illi l-istess Qorti fil-kawża fl-ismijiet "Philip Spiteri vs Sammy Meilaq" (deċiża fit- 8 ta' Marzu 1995) qalet ukoll li:*

*"Meta l-oġġett tal-kawża jkun ta' natura komplessa – u jkollu kwistjonijiet li għandhom rimedju f' xi liġi oħra, u oħrajn li ma għandhomx, rimedju ħlief Kostituzzjonali – allura għandha tipprevali din l-aħħar azzjoni". F'din is-sentenza l-Qorti osservat li jkun sewwa li mal-kelma 'komplessa' jiżdied il-kliem 'jew inkella mħallta'.*

*……*

*Fil-kawża fl-ismijiet "Maria sive Marthese Attard et vs Policy Manager tal-Malta Shipyards et" (deċiża mill-Prim' Awla, Sede Kostituzzjonali, fit-30 ta' Settembru 2010) ġie dikjarat illi:*

*"L-eżistenza ta' rimedju ieħor trid titqies fil-kuntest tal-allegat ksur tad-dritt fundamentali. Għandu jkun rimedju aċċessibbli, xieraq, effettiv u adegwat biex jindirizza dan il-ksur. Fl-istess waqt ma hemmx għalfejn li biex jitqies effettiv ikun jirriżulta li r-rimedju sejjer jagħti lir-rikorrenti suċċess garanti. Huwa biżżejjed li jintwera li jkun wieħed li jista' jiġi segwit b'mod prattiku, effettiv u effikaċi.*

*Meta jidher li jeżistu mezzi ordinarji disponibbli biex jikseb rimedju għall-ilment tiegħu r-rikorrent għandu jirrikorri għal dawk il-mezzi, qabel ma jirrikorri għarrimedju Kostituzzjonali u huwa biss wara li jkun fittex dawk il-mezzi jew wara li jidher li dawk il-mezzi ma jkunux effettivament disponibbli li għandu jintuża r-rimedju Kostituzzjonali."*

*Illi f'dan is-sens wieħed jista' jsib ukoll l-insenjament fir-rigward fis-sentenza tal-Qorti tal-Appell fl-ismijiet "Joseph Fenech vs Awtorita' tal-Ippjanar et" deċiża fid-9 ta' Novembru 2012….*

*Illi wieħed għandu jqis li kemm l-artikolu invokat mill-intimati u kemm il-Kostituzzjoni ta' Malta ssemmi mezzi li 'kienu disponibbli' u allura anke jekk kien hemm mezzi li 'kienu' disponibbli għar-rikorrent iżda li minħabba t-trapass taż-żmien ma jkunux għadhom (disponibbli), il-Qorti tista' jekk hekk jidhrilha tiddeklina li teżerċita l-ġurisdizzjoni tagħha."*

Ukoll il-każ **Sonia Zammit et vs Ministru tal-Politika Soċjali et** deċiż fis-27 ta' Frar 2006[4] b'riferenza għal aktar ġurisprudenza elenka fost oħrajn dawn il-prinċipji:

*"Meta huwa ċar li hemm mezzi ordinarji disponibbli għar-rikorrent biex ikollu rimedju għad-dannu li qed jillamenta, bħala prinċipju ġenerali dawn għandhom jiġu adoperati, u r-rikors għall-organi ġudizzjarji ta' natura kostituzzjonali għandu jsir wara li l-ordinarji jiġu eżawriti jew meta ma humhiex disponibbli."*[5]

*"Hu veru li kull persuna tista' tirrikorri lill-Prim Awla għal rimedju ta' indole Kostituzzjonali, imma l-ewwel subinċiż ta' dak l-Artikolu 46 irid jigi moqri mal-proviso tat-tieni subinċiż tiegħu li jipprovdi li l-Qorti tista', jekk tqis li*

[4] Prim Awla tal-Qorti Civili (Sede Kostituzzjonali) Rik Nru 11/2005

[5] **Dr Mario Vella vs Joseph Bannister noe** – Qorti Kostituzzjonali deciza 7 ta' Marzu 1994

> *jkun desiderabbli li hekk tagħmel, tirrifjuta li teżerċita s-setgħat tagħha skond dak l-artikolu f'kull każ meta tkun sodisfatta li mezzi xierqa ta' rimedju għall-ksur allegat 'huma jew kienu disponibbli favur dik il-persuna skond xi liġi oħra.'"*[6]
>
> *"Sakemm tibqa' l-possibilita' li l-leżjoni tad-dritt fundamentali setgħet kienet jew għad tista' tiġi rettifikata bil-proċeduri u mezzi provduti bil-liġi, ikun ġeneralment il-każ li l-Qorti tiddeklina milli teżerċita s-setgħat kostituzzjonali taghha."*[7]
>
> *"Il-Prim Awla tal-Qorti Civili għandha poteri diskrezzjonali wiesgħa biex tiddeċiedi li ma teżerċitax il-poteri tagħha meta r-rikorrent ma eżawriex ir-rimedji possibbli taħt il-liġi ordinarja."*[8].

Isegwi għalhekk li l-Qorti jeħtiġilha tindaga jekk, fiċ-ċirkustanzi tal-każ odjern ir-rikorrenti kellhomx a dispożizzjoni tagħhom rimedji ordinarji li kienu aċċessibbli, xierqa, effettivi u effikaċi għall-ilmenti mressqa minnhom.

Madankollu jispetta dejjem lill-Qorti d-diskrezzjoni li fil-parametri tad-dispożizzjonijiet ċitati mill-Kostituzzjoni u l-Konvenzjoni - tagħżel Hl jekk teżerċitax is-setgħat kostituzzjonali tagħha jew le, u dan indipendentement mill-fatt li min iressaq l-ilment ikollu jew kellu mezzi oħra ta' rimedju ordinarju disponibbli.

Kif ingħad fil-każ **George Debono et vs Kustodju tal-Proprjeta' tal-Għadu et** deċiż fil-25 ta' Mejju 2016[9]:

> *"….d-dispożizzjonijiet tal-proviso tal-artikolu 46(2) tal-Kostituzzjoni u talartikolu 4(1) tal-Konvenzjoni jitkellmu dwar diskrezzjoni, jiġifieri dwar għażla li titħalla f'idejn il-Qorti u mhux dwar impożizzjoni ta' twarrib milli twettaq xogħolha;"*

Isegwi li għalhekk, din il-Qorti trid tikkunsidra jekk l-appell mid-deċiżjoni tal-Qorti tal-Maġistrati, fuq imsemmija, kienx jikkonsisti f'rimedju ordinarju, aċċessibbli, xieraq, effettiv u effikaċi għall-ilment imressaq mir-rikorrent.

Il-Qorti tosserva li fl-ilment tiegħu, ir-rikorrent mhux qed jikkontesta la l-fatt li ġie kkundannat iħallas l-ispejjeż u lanqas mhu jikkontesta il-*quantum* tal-istess. Tosserva li dak li qiegħed jiġi kkontestat mir-rikorrent hawnekk huwa propju l-kompatibilita' tal-Artikolu 533 tal-Kap 9 mal-Artikolu 34 tal-Kostituzzjoni u/jew l-Artikolu 5 tal-Konvenzjoni Ewropea, u sussidjarjament qiegħed jallega aġir diskriminatorju da parti tar-Reġistratur.

Ma hemm l-ebda dubju f'moħħ il-Qorti li appell mid-deċiżjoni tal-Qorti tal-Maġistrati ma kinitx ser tindirizza l-istess ilmenti, u filfatt il-Qorti tal-Appell Kriminali lanqas għandha l-kompetenza li tagħmel dan. Għalhekk din il-Qorti ma tqisx li r-rikorrent kellu rimedju ordinarju adegwat li seta' ndirizza l-ilment minnu hawnhekk imressaq.

---

[6] **Lawrence Cuschieri vs Onor Prim Ministru** – Qorti Kostituzzjonali deciza 6 t'April 1995
[7] **Stephen Falzon vs Reġistratur tal-Qorti et** – Qorti Civili Prim Awla (Sede Kostitizzjonali) deciza 14 ta' Frar 2002
[8] **Domenico Savio Spiteri vs Chairman Planning Authority et**" – Qorti Kostituzzjonali deciza 31 ta' Mejju 2000
[9] Rik 40/10

**Għaldaqstant, din il-Qorti sejra tgħaddi biex tiċħad it-tieni eċċezzjoni tal-Avukat tal-Istat.**

**Eċċezzjoni li r-Reġistratur Qrati u Tribunali Kriminali mhuwiex il-leġittimu kontradittur**

Permezz tal-ewwel eċċezzjoni tiegħu, il-kjamat in kawża Reġistratur Qrati u Tribunal Kriminali jeċċepixxi li mhuwiex il-leġittimu kontradittur għall-lanjanza tar-rikorrent u li għandu jiġi liberat mill-osservanza tal-ġudizzju.

Il-Qorti rat l-atti tal-kawża tosserva li l-allegata leżjoni tar-rikorrent tikkonċerna liġi li għamel użu minnha l-istess Reġistratur kif ukoll l-aġir tal-istess Reġistratur fil-konfront tar-rikorrent. Isegwi għalhekk li m'hemm l-ebda dubju li r-Reġistratur Qrati u Tribunali Kriminali għandu interess f'din il-kawża għax timpatta propju fuq ix-xogħol u d-diskrezzjoni tiegħu.

**Għaldaqstant din il-Qorti ser tgħaddi biex tiċħad l-ewwel eċċezzjoni tar-Reġistratur Qrati u Tribunali Kriminali.**

**Kunsiderazzjonijiet fil-mertu:**

Illi r-rikorrent, permezz tar-rikors promotur tiegħu, talab lil din il-Qorti tiddikjara u tiddeċiedi li l-operat tal-Artikolu 533(2) tal-Kap 9 tal-Liġijiet ta' Malta jikser id-drittijiet tar-rikorrent kif sanċiti bl-artikolu 34 tal-Kostituzzjoni ta' Malta u l-Artikolu 5 tal-Konvenzjoni Ewropea u sussidjarjament li l-aġir tar-Reġistratur tal-Qrati u Tribunal Kriminali jikser id-drittijiet tar-rikorrent kif sanċiti bl-Artikolu 14 flimkien mal-Artikolu 5 tal-Konvenzjoni Ewropea u jikkostitwixxi aġir diskriminatorju fil-konfront tar-rikorrent.

**L-Artikolu 34 tal-Kostituzzjoni u l-Artikolu 5 tal-Konvenzjoni Ewropea**

L-Artikolu **34 tal-Kostituzzjoni** jgħid testwalment hekk:

> 34.(1) Ħadd ma għandu jiġi pprivat mill-libertà personali tiegħu ħlief kif jista' jkun awtorizzat b'liġi fil-każijiet li ġejjin, jiġifieri –
>
> (d) fl-esekuzzjoni tal-ordni ta' qorti magħmul biex jiżgura twettiq ta' xi obbligu impost lilu b'liġi[10];

Mentri l-**Artikolu 5 tal-Konvenzjoni Ewropea** jgħid testwalment hekk:

> Kulħadd għandu d-dritt għal-libertà u għas-sigurtà tal-persuna. Ħadd ma għandu jiġi pprivat mil-libertà tiegħu ħlief fil-każijiet li ġejjin u skont il-proċedura preskritta bil-liġi:

---

[10] Il-Qorti qiegħda tikkwota biss il-paragrafu relevanti għall-każ odjern

> (b) l-arrest jew id-detenzjoni skont il-liġi ta' persuna għal nuqqas ta' tħaris ta' ordni skont il-liġi ta' qorti jew sabiex jiġi żgurat it-twettiq ta' xi obbligu preskritt mil-liġi[11];

Ir-rikorrent, fis-sottomissjonijiet tiegħu isostni li l-ordni li huwa rċieva ma kinitx tal-Qorti iżda tar-Reġistratur. Jikkontendi illi l-obbligu jrid ikun wieħed impost mil-liġi jew preskritt mil-liġi. Jispjega li fil-każ odjern l-ordni kienet dik tal-ħlas tal-ispejjeż kontenuta fis-sentenza ċitata, liema ordni kienet għal kollox vaga u ġenerika billi ma kienx hemm speċifikat l-ammont u lanqas iż-żmien li fih kellu jitħallas u għalhekk ir-rekwiżiti espressi tal-Artikolu 533(1) ma kienux ġew osservati.

Isostni li ż-żmien ta' priġunerija kkontemplata kien jeċċedi l-piena li ġiet imposta fuq ir-rikorrenti għar-reat propju li wettaq. Jikkontendi li deprivazzjoni tal-liberta' bħal din qatt ma tista' qatt titqies illi hija proporzjonali u aċċettabli f'soċjeta demokratika. Dan stante illi:

1. L-Artikolu 533(2) tal-Kodiċi Kriminali ma jħalli l-ebda diskrezzjoni lill-Qorti u dana stante li l-ġudikant irid bilfors jakkorda dak li qed jitlob ir-Reġistratur bl-ammont ta' spejjeż kif stabbilit fl-artikolu u lanqas mal-artikolu jipprovdi massimu ta' priġunerija. Oltre' minn hekk, jispjega li fir-rigward ta' dan, il-jiem ta' priġunerija ma jiġux ridotti f'każ ta' mġieba tajba. Jgħid li huwa inaċċettabli li jintbagħat il-ħabs fuq xi ħaġa li ma kellux kontrol fuqha.

2. Ir-Reġistratur għadu jinsisti fuq il-konverżjoni tal-ispejjeż f'jiem ta' priġunerija.

3. Id-diskrezzjoni li għandu r-Reġistratur li jiddetermina jekk l-ispejjeż għandhomx jiġu kkonvertiti f'dejn ċivili jew f'jiem ta' priġunerija mingħajr ebda linji gwida hija minnha nnifisha arbitrarja u diskriminatorja u leżiva tal-protezzjoni mogħtija mill-Artikolu 14 flimkien mal-Artikolu 5 tal-Konvenzjoni Ewropea.

Da parti tiegħu, l-Avukat tal-Istat jgħid li d-detenzjoni hija bbażata fuq disposizzjoni ċara tal-liġi li segwiet ordni tal-Qorti. Oltre' minn hekk, jgħid li r-rikorrent kien ingħata l-opportunita' li jirregola ruħu qabel ma r-Reġistratur ipproċeda quddiem il-Qorti. Barra minn hekk, jispjega li l-istess liġi tipprovdi għall-possibilita' li wieħed inaqqas iż-żmien ta' priġunerija billi jħallas is-somma jew parti mis-somma dovuta.

Il-Qorti tibda biex tosserva illi d-deċiżjoni tal-Qorti Ewropea fl-ismijiet **Gatt vs Malta** deċiża fis-27 ta' Lulju 2010 fejn il-Qorti qalet hekk:

> *35. The Court reiterates that Article 5 § 1 contains an exhaustive list of permissible grounds of deprivation of liberty. However, the applicability of one ground does not necessarily preclude that of another; a detention may, depending on the circumstances, be justified under more than one sub-paragraph (see, for example, Eriksen v. Norway, 27 May 1997, § 76, Reports 1997-III, and Enhorn v. Sweden, no. 56529/00, § 34, ECHR 2005-I). The Court considers that the same applies to separate limbs of the same sub-paragraph.*

[11] Il-Qorti qiegħda tikkwota biss il-paragrafu relevanti għall-każ odjern

*36. In the present case, the Government submitted that the detention was in accordance with Article 5 § 1 (b) under both its first and second limbs.*

*37. The first limb refers to detention for "non-compliance with the lawful order of a court", already made against the individual. The Convention organs have applied it to include, inter alia, failure to pay a court fine (see Airey v. Ireland, no. 6289/73, Commission decision of 7 July 1977, Decisions and Reports (DR) 8, p. 42), failure to undergo medical examinations ordered by a court (see X v. Austria, no. 8278/78, Commission decision of 13 December 1979, DR 18, p. 154, and X v. Germany, no. 6659/74, Commission decision of 10 December 1975, DR 3, p. 93), failure to comply with a decision to hand over children to a parent (see Paradis and Others v. Germany (dec.), no. 4065/04, 4 September 2007), failure to observe residence restrictions imposed by a judicial decision (see Freda v. Italy, no. 8916/80, Commission decision of 7 October 1980, DR 21, p. 254) and failure to observe binding-over orders (see, for example, Steel and Others v. the United Kingdom, 23 September 1998, § 69, Reports 1998-VII).*

*38. The Court notes that the applicant did not comply with the court order of 6 June 2006 ordering him to pay EUR 23,300 and was consequently imprisoned for two thousand days.*

*39. Bearing in mind that the Convention and its Protocols have to be read as a whole, the Court draws attention to the provision of Article 1 of Protocol No. 4 which prohibits imprisonment merely on the ground of inability to fulfil a contractual obligation.* ***The Court has already expressed reservations about the imprisonment in default system, considering it as constituting an archaic custodial measure available only to the Treasury*** *(in the French system) (see Göktan v. France, no. 33402/96, § 51, ECHR 2002-V). However, it noted that Article 1 of Protocol No. 4 would not apply to such a system, since the provision prohibits imprisonment for debt solely when the debt arises under a contractual obligation (see Göktan, cited above § 51). However, although the circumstances in the present case are different to those in Göktan and require a further analysis under Article 1 of Protocol No. 4, the Court is ready to accept that the Government could rely on the first limb of Article 5 § 1 (b) as a ground for the applicant's detention.*

*40. The Court reiterates that Article 5 § 1 of the Convention requires in the first place that the detention be "lawful", which includes the condition of compliance with a procedure prescribed by law. The Convention here essentially refers back to national law and states the obligation to conform to the substantive and procedural rules thereof, but it requires in addition that any deprivation of liberty should be consistent with the purpose of Article 5, namely to protect individuals from arbitrariness. A period of detention will in principle be lawful if it is carried out pursuant to a court order (see Benham v. the United Kingdom, 10 June 1996, §§ 40 and 42, Reports 1996-III). However, the domestic authorities must*

*strike a fair balance between the importance in a democratic society of securing compliance with a lawful order of a court, and the importance of the right to liberty (see Paradis and Others, cited above). The Court considers that in such circumstances issues such as the purpose of the order, the feasibility of compliance with the order, and the duration of the detention are matters to be taken into consideration. The issue of proportionality assumes particular significance in the overall scheme of things.*

*41. The Court observes that it is not in dispute that the detention was ordered by the domestic courts pursuant to Article 585 of the CC and that the length of the detention was stipulated on the basis of Article 586. It remains to be determined whether the measure in question was proportionate.*

*42. The purpose of the court order was to secure payment of an amount due to the authorities by way of a penalty for breaching bail conditions. The Court considers that monetary guarantees are indispensable to ensure respect for the right to liberty when remand in custody is envisaged. It notes however that in 2006 the applicant was indigent and unable to pay the said amount, although he might have been able to do so when he assented to the obligation in 2001. Indeed, it would have been reasonable for the applicant to assume that the proceedings against him would not have lasted over five years. The Court observes that the applicant had been under strict bail conditions (see paragraph 8 above) for nearly five years. Thus, it is plausible to conclude that he had been unable to earn a living during that period. In such circumstances, it was unrealistic to expect that the applicant would be able to comply with the court order.*

*43. The Court further notes that in the cases examined under the first limb of Article 5 § 1 (b) the duration of the detention amounted to short periods, such as four days (see, Airey, cited above) or one week (see Freda, and Steel and Others, both cited above) and at maximum six months (see Paradis and Others, cited above).* ***In the present case, the detention for non-compliance with a court order has so far amounted to over four years and is set to last for over five years and six months in total. Moreover, this period was not subject to remission, as would have been the case had the applicant been detained after conviction (Article 5 § 1 (a)). Nor was this period of detention subject to the guarantees of Article 5 § 3, as would have been the case had the applicant been remanded in custody on suspicion of having committed a crime (Article 5 § 1 (c)). In light of the above, the Court considers that a period of detention of more than five years and six months (two thousand days) for failure to comply with a court order to pay EUR 23,300 as a result of a single breach of curfew imposed as a bail condition cannot be considered to strike a fair balance between the***

***importance in a democratic society of securing compliance with a lawful order of a court and the importance of the right to liberty.***

*44. In consequence, in so far as it is based on this ground, the applicant's entire period of detention cannot be said to have been in accordance with Article 5 § 1 of the Convention.*

*45. The Court must nevertheless consider whether the detention was Convention compatible on the basis of the second ground invoked by the Government, namely the second limb of Article 5 § 1 (b) "in order to secure the fulfilment of any obligation prescribed by law".*

*46. The Court reiterates that the second limb of Article 5 § 1 (b) allows for detention to secure the fulfilment of a specific and concrete obligation prescribed by law, which is already incumbent on the person concerned.* ***The arrest and detention must be for the purpose of securing its fulfilment and not punitive in character. Moreover, a balance must be struck between the importance in a democratic society of securing the immediate fulfilment of the obligation in question and the importance of the right to liberty. In this assessment the nature of the obligation arising from the relevant legislation including its underlying object and purpose, the person being detained, the particular circumstances leading to the detention and the length of the detention are relevant (see Vasileva v. Denmark, no. 52792/99, §§ 36-38, 25 September 2003).***

*47. The Court considers that the obligation undertaken by the applicant on 14 August 2001 to pay EUR 23,300 in the event that he breached his bail conditions was concrete and sufficiently precise.*

*48.* ***As to the purpose of detention, the Court notes that at that stage it was no longer to ensure compliance with bail conditions, but simply to ensure the payment of the guaranteed sum. The Court has previously held that imprisonment in default of payment (of a customs fine) was not a means of enforcing the fine, but a penalty (see Jamil v. France, 8 June 1995, § 32, Series A no. 317-B, and Göktan, cited above, § 48) and the Government have acknowledged that in the present case the measure was punitive in nature (see paragraph 33 above). The Court sees no reason to differ. In particular, it notes that imprisonment in default, as applied to the failure to pay a guarantee following a breach of bail conditions, may give rise to a situation where an individual is imprisoned for a longer time than the term he would have served had he been found guilty of the crime he was charged with. The situation would be even more paradoxical if the individual were to be acquitted of such charges. The Court, furthermore, has difficulty in accepting that the detention of the applicant could secure the fulfilment of the obligation as his indigent state (see paragraph 42 above) will undoubtedly persist and quite plausibly increase while he remains in jail.***

*49. As regards the circumstances leading to the detention, the Court notes that the applicant, who, pending criminal proceedings for drug trafficking, was on bail subject to residence restrictions, had not abided by his curfew on one occasion. As a result he has been detained, and will continue to be so, for a total of more than five and a half years (two thousand days), unless he pays the sum of EUR 23,300. The Court observes that Maltese law, in respect of the circumstances in which a bail bond will be forfeited to the Government as a result of a failure to observe bail conditions (Article 579 of the CC), makes no distinction between conditions related to the primary purpose of bail, namely appearance at the trial, and conditions related to other considerations. However, it gave the authorities discretion not to apply the said provision if the breach of conditions was not of a serious nature. In the present case, where the condition breached referred to a curfew and was not connected to the primary purpose of granting bail, the Court has difficulty in understanding the authorities' decision to apply the relevant Article. In this light, the Court finds it relevant to point out that in the absence of proper guidelines as to the exercise of discretion under Article 579, or of a distinction between breaches of conditions relating to the primary purpose of bail and other considerations, Maltese law is deficient in that it can lead to arbitrary and disproportionate results.*

*50. The Court accepts that, in granting the applicant bail in the first place, the domestic authorities were bearing in mind the importance of the right to liberty. It is also ready to accept that subsequently the domestic court applied the relevant conversion parameters correctly and in good faith. However, the Court observes that Article 586 of the CC does not apply to imprisonment in default a ceiling on the duration of the detention (an individual could hypothetically be imprisoned for life) or provide for any assessment of proportionality. Therefore Maltese law is deficient also in this respect. Indeed, the application of the law in the present case gave rise to a period of detention of excessive duration vis-à-vis the obligation to be fulfilled as a consequence of the breach committed.*

***51. In conclusion, the Court considers that in the circumstances of the present case, and especially on account of its duration, the applicant's detention was disproportionate. In particular, the law as applied in the applicant's case failed to strike a balance between the importance in a democratic society of securing the immediate fulfilment of the obligation in question and the importance of the right to liberty.***

*52. Accordingly, the Court finds a violation of Article 5 § 1 of the Convention.*

Tosserva wkoll id-deċiżjoni tal-Qorti Ewropea fl-ismijiet **Vasileva vs Denmark** deċiża fil-25 ta' Settembru 2003, fejn il-Qorti kkonkludiet

> *36. **The Court recalls that detention is authorised under sub-paragraph (b) of Article 5 § 1 only to "secure the fulfilment" of the obligation prescribed by law. It follows that, at the very least, there must be an unfulfilled obligation incumbent on the person concerned and the arrest and detention must be for the purpose of securing its fulfilment and not punitive in character.** As soon as the relevant obligation has been fulfilled, the basis for detention under Article 5 § 1 (b) ceases to exist.*
>
> *37. **Finally, a balance must be drawn between the importance in a democratic society of securing the immediate fulfilment of the obligation in question, and the importance of the right to liberty** (see inter alia Nowicka v. Poland, no. 30218/96, § 61, 3 December 2002, unreported, B. v. France, no. 10179/82, Commission dec. 13 May 1987, Decisions and Reports (DR) 52, p. 111, and Reyntjens v. Belgium, no. 16810/90, Commission dec. 9 September 1992, DR 73, p. 136). **The duration of detention is also a relevant factor in drawing such a balance** (see McVeigh and Others v. the United Kingdom, applications nos. 8022/77, 8025/77, 8027/77, Commission decision of 18 March 1981, DR 25, pp. 37-38 and 42; Johansen v. Norway, application no. 10600/83, Commission decision of 14 October 1985, DR 44, p. 162).*
>
> *-ommissis-*
>
> *41. As regards the length of the detention, the Court reiterates that in the aforementioned Nowicka v. Poland the Court concluded that the applicant's detention, which lasted for a total period of eighty-three days was in breach of Article 5 of the Convention. In the above mentioned McVeigh and Others decision the Commission concluded that in the exceptional context of the case there were sufficient circumstances to warrant the applicants' arrest and detention for some forty-five hours. As to the above mentioned B. decision the French legislation at the relevant time prescribed as follows: "officers of the criminal police may, for the purpose of judicial investigations or to prevent a breach of public order, request anyone to provide proof of his identity and, if necessary, take him to a police station for this purpose. No one taken to a police station for this purpose may be held for more than six hours". The Commission considered in the view of the brevity of the period for which the applicant had been held at the police station (one and four hours respectively) that a fair balance had been struck between the need to ensure the fulfilment of the obligation and the right to liberty. The same conclusion was reached in the Reyntjens decision where the applicant was deprived of his liberty for two and a half hours. In the present case the applicant was deprived of her liberty for thirteen and a half hours. The Court notes that the police several times in vain requested that she reveal her identity in the period from 9.30 until 11.00*

*p.m. on 11 August 1995, and from 6.30 until 10.45 a.m. on 12 August 1995, and relying on the findings of the domestic courts, the Court is satisfied that the applicant was not in possession of any documentation, which could have revealed her identity. Also, it notes that it appears to be common ground that no efforts were made to identify her in the period between 11.00 p.m. and 06.30 a.m. The Government allege that the reason therefor can be attributed to considerations as to the applicant's need for sleep. While accepting that such considerations may be relevant in certain circumstances, it is in the Court's opinion not established that this was so in the present case. Furthermore, the Court would be reluctant to accept that such considerations could generally be given priority over the obligation to secure that the detention did not exceed a period proportionate to the cause of the detention. The Court notes in addition, having regard to the fact that the Chief Constable of Århus on 18 July 1996 found reason to regret that the applicant during her detention had not been attended to by a doctor as promised, that the involvement of such a third person might have broken the impasse, which the communication between the police and the applicant obviously had reached. Moreover, having regard to its finding above as to the applicant and the circumstances leading to her detention, and to the fact that the applicant's failure to comply with the obligation prescribed in section 750 of the Administration of Justice Act was a minor offence, which could carry only a fine, the Court considers that her detention in any event should not have been maintained for a longer period of time. It finds that the deprivation of the applicant's liberty for thirteen and a half-hour exceeded a period proportionate to the cause of her detention.*

*42. In the light of the above elements, the Court considers that the authorities by extending the applicant's detention to thirteen and a half-hour failed to strike a fair balance between the need to ensure the fulfilment of the obligation and the right to liberty.*

*43. There has, accordingly, been a violation of Article 5 § 1 of the Convention.*

Kif ukoll id-deċiżjoni tal-Qorti Ewropea fl-ismijiet **Khodorkovskiy vs Russia** deċiża fil-31 ta' Mejju 2011

*136.* ***At the same time, the Court reiterates that Article 5 § 1 requires in addition that any deprivation of must respect the guarantees provided by Article 5, and to protect individuals from arbitrariness. An arrest will only be acceptable in the Convention terms if "the obligation prescribed by law" cannot be fulfilled by milder means*** *(see McVeigh and Others v. the United Kingdom, nos. 8022/77, 8025/77, and 8027/77, Commission's report of 18 March 1981, Decisions and Reports (DR) 25, p. 15). Or, to paraphrase the case of Vasileva v. Denmark,*

*there must be a balance between the public interest in complying with the obligation, and the private interest in staying free (no. 52792/99, § 37, 25 September 2003).*

*137. The Court accepts that where a witness fails to turn up for questioning for no good reason, he may be brought to the investigator or to the court by force. However, the decision-making process in such matters, where the person's liberty is at stake, should not be overly formalistic, and should take into account all relevant circumstances of the case. Thus, the same reason (a business trip, an illness, a family event, etc.) may be a valid excuse in one context and not in another.*

*138. The Court finds it established that the applicant was informed about the summons and had 21 hours to return to Moscow, but did not do so. Formally speaking, he missed the questioning, so there was an unfulfilled obligation incumbent on the applicant (see Nowicka v. Poland, cited above, § 60). But the Court is not persuaded that this was a sufficient reason for bringing him forcibly to Moscow on the following morning, and for doing so in the manner chosen.*

*139. First, it is hard to see why the investigator could not wait. By 25 October 2003 the investigation had lasted for several months. The investigator had previously interviewed the applicant, and he would have returned to Moscow in three days. The applicant's previous behaviour did not give rise to any legitimate fear that he would evade questioning on his return. Finally, in case of urgency, the investigator could have asked his Siberian colleagues to interview the applicant on the spot or sent a member of the investigation team there.*

*140. Secondly, the manner in which the apprehension occurred was unusual. The applicant was arrested like a dangerous criminal rather than a simple witness: an entire police operation involving a group of armed officers was mounted within a very short time, the applicant was traced to Novosibirsk and arrested on the airfield in the early morning. The Court reiterates in this respect that an arrest must not be punitive (see Vasileva, cited above, § 36).*

*141. Finally, the timing of the events is worth attention. No sooner had the investigator interviewed the applicant as a witness than he charged him and lodged a 9-page application with the Basmanniy District Court of Moscow requesting the applicant's detention. Such speed suggests that in fact the investigator had been prepared for such a development and wanted the applicant as a defendant, not a witness.*

*142. The Court reiterates in this respect that an arrest may be unlawful if its outer purpose differs from the real one (see Bozano v. France, 18 December 1986, Series A no. 111, § 60). In the present case, if*

*the applicant had been arrested as a suspect in Novosibirsk, he would have been taken to a local court. Instead, as a witness he was forced to return to Moscow where the General Prosecutor's Office could then be assured that he would be tried in the Basmanniy District Court for the purpose of the detention proceedings. The circumstances of the applicant's arrest show that, albeit formally, he was apprehended as a witness, and despite complying with the letter of the national law, the investigator's real intent was to charge the applicant as a defendant and, thus, to change the venue of the eventual detention proceedings to a more convenient one.*

*143. In sum, the Court concludes that the applicant's apprehension in Novosibirsk on 25 October 2003 was contrary to Article 5 § 1 (b) of the Convention.*

Magħruf dan l-insenjament, il-Qorti sejra issa tgħaddi biex tapplikah għall-każ odjern - li jikkonċerna primarjament id-disposizzjonijiet tal-Artikolu 533 tal-Kap 9 tal-Liġijiet ta' Malta li jgħid testwalment is-segwenti:

***533**.(1) Meta l-kawża ssir mill-Avukat Ġenerali jew mill-Pulizija ex officio, il-qorti għandha meta tagħti s-sentenza jew f'kull ordni ieħor wara, tikkundanna l-ħati jew il-ħatjin, ilkoll flimkien in solidum jew kull wieħed għalih, għall-ħlas, lir-reġistratur, tal-ispejjeż kollha jew ta' parti mill-ispejjeż li jkollhom x'jaqsmu mal-ħatra ta' esperti jew periti fil-proċeduri, inklużi dawk tal-esperti li jkunu ġew maħtura fl-istadju tal-proċess verbal tal-inkjesta, f'dak iż-żmien u f'dak l-ammont bħal ma jkun ġie stabbilit fis-sentenza jew fl-ordni.*

*(2) Fin-nuqqas tal-ħlas tal-ispejjeż, bħal ma jkun ġie stabbilit mill-qorti, il-qorti għandha, fuq rikors tar-reġistratur, toħroġ mandat ta' arrest kontra l-persuna ikkundannata, b'ordni li din il-persuna tinġieb quddiemha, u l-qorti, wara li tiżgura ruħha mill-identità ta' dik il-persuna, tibdel l-ammont hekk maqtugħ fi priġunerija, bil-kalkolu ta' ġurnata għal kull ħdax-il euro u ħamsa usittin ċenteżmu (11.65) jew frazzjoni ta' ħdax-il euro u ħamsa usittin ċenteżmu (11.65), u tibgħat il-ħabs il-persuna ikkundannata għaż-żmien li joħroġ minn dak il-kalkolu:*

*Iżda, il-persuna mibgħuta l-ħabs minħabba li ma tkunx ħallset dawk l-ispejjeż tista' teħles mill-piena mibdula f'ħabs billi tħallas l-ispejjeż stabbiliti mill-qorti, bit-tnaqqis ta' dik il-biċċa minnhom daqs kemm hija tkun skuntat f'ħabs bil-kalkolu msemmi f'dan l-artikolu.*

*(3) Iżda, ir-reġistratur jista' jiġbor l-ispejjeż hawn fuq imsemmija bħala dejn ċivili, billi jagħmel fuq hekk dikjarazzjoni fl-atti tal-kawża, f'kull żmien li jkun sakemm l-ispejjeż ma jkunux ġew mibdula fi priġunerija; u meta ssir din id-dikjarazzjoni, id-dispożizzjoni tas-subartikolu (2) ma tibqax tgħodd.*

> *(4) Il-ġbir tal-ispejjeż bħala dejn ċivili jsir b'rikors lill-istess qorti għall-esekuzzjoni tas-sentenza jew ordni, bil-mod li jingħad fil-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili.*

Il-fatti tal-każ odjern juru li r-rikorrent, permezz ta' sentenza tal-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminal datata 12 ta' Ottubru 2022 ġie kkundannat is-segwenti:

> *Il-Qorti, bis-saħħa tad-dispost ta' l-Artikolu 533 tal-Kap 9, tordna lill-ħati sabiex iħallas lir-Reġistratur tal-Qorti, l-ispejjeż skond il-Liġi. Konsegwentament qed tordna li kopja ta' din is-sentenza tiġi komunikata lir-Reġistratur (Qrati u Tribunali Kriminali) sabiex iseħħ l-eżekuzzjoni ta' din l-Ordni skont il-liġi.*

Din is-sentenza ma ġietx appellata u għalhekk għaddiet in ġudikat. Għalhekk bħala punt ta' tluq huwa ċar f'moħħ din il-Qorti li kien impost obbligu fuq ir-rikorrent li jħallas l-ispejjeż marbuta mal-imsemmija proċedura, liema obbligu f'dak l-istadju ġie aċċettat mir-rikorrent. Fis-sottomissjonijiet tiegħu, ir-rikorrent jargument li l-ordni kienet waħda vaga stante li ma kienx jaf l-ispejjeż involuti x'inhuma.

Minkejja dan, ma nġiebet ebda prova li r-rikorrent b'xi mod staqsa dwar l-istess spejjeż u lanqas ma nġiebet prova li r-rikorrent, qabel ma ntavola l-proċeduri odjerni, kkontesta l-istess spejjeż, ħlief għall-ittra datata 19 t'April 2023 (fol 21) fejn ir-rikorrent insista li l-ammont dovut ma kienx determinat mill-Qorti. Ma hemm l-ebda dubju f'moħħ din il-Qorti li l-ammont filfatt ma kienx determinat mill-Qorti, anzi huwa evidenti mis-sentenza nnifisha li l-Qorti tal-Maġistrati fil-fatt ordnat lir-Reġistratur sabiex jagħmel dak li hemm bżonn sabiex l-Ordni tal-Qorti tiġi eżegwita, u naturalment parti minn dan l-inkarigu kien li r-Reġistratur jiddetermina l-ammont.

Għalhekk din il-Qorti tqis li l-Ordni għall-ħlas kienet kjarament ordni tal-Qorti li kienet tirrikjedi l-assistenza tar-Reġistratur sabiex tiġi eżegwita u għalhekk s'hemmhekk m'hemmx leżjoni la tal-Artikolu 34 tal-Kostituzzjoni u lanqas tal-Artikolu 5 tal-Konvenzjoni Ewropea.

Ir-rikorrent jilmenta prinċipalment mill-fatt li l-liġi tippermetti li kwalunkwe spejjeż jistgħu jiġu kkonvertiti f'perjodu ta' priġunerija inkluż dawk ta' esperti jew periti fil-proċeduri kif ukoll fl-inkjesta - għalhekk din il-Qorti ser tgħaddi sabiex teżamina l-proporzjonalita' tal-miżura.

L-ewwelnett, mill-qari tal-Artikolu 533 tal-Kap 9 tal-liġijiet ta' Malta, jirriżulta illi hemm diskrezzjoni fdata lir-Reġistratur tal-Qrati li jenforza l-ħlas tal-ispejjeż b'żewġ metodi; jew bħala dejn ċivili jew tramite snin ta' priġunerija. Il-Qorti tosserva li l-liġi tagħti diskrezzjoni assoluta f'dan ir-rigward lir-Reġistratur u ma tipprovdi l-ebda linji gwida dwar meta l-istess Reġistratur għandu jirrikorri għal metodu u mhux l-ieħor, u/jew li metodu għandu jippreċedi lill-ieħor.

Oltre' minn hekk, din il-Qorti tosserva li l-Qorti li quddiemha jsir tali rikors la għandha diskrezzjoni dwar il-metodu t'infurzar u lanqas dwar l-ammont ta' priġunerija. In linea mal-insenjament tad-deċiżjoni fuq ċitata fl-ismijiet **Khodorkovskiy vs Russia,** din

il-Qorti hija tal-fehma li m'għandux ikun hemm deprivazzjoni ta' liberta' meta l-obbligu seta' jiġi assigurat b'mod alternattiv.

F'dan il-każ, ir-Reġistratur kellu l-fakulta' li jenforza l-ħlas tal-ispejjeż bħala dejn ċivili. Kien ikun xenarju ferm differenti kieku r-Reġistratur ittenta li jagħmel dan qabel ma mar direttament għat-talba għall-konverżjoni tal-ammont dovut fi snin ta' priġunerija. Oltre' minn hekk, il-fatt li l-liġi tagħti diskrezzjoni assoluta lir-Reġistratur li jagħmel dan, ċertament li huwa leżiv tad-drittijiet fundamentali a bażi tal-prinċipju tal-proporzjonalita' u dana stante li dan il-prinċipju jitlob li dejjem isir eżami jekk wieħed setax jew jistax jilħaq l-għan tiegħu b'mezzi inqas drastiċi. L-Avukat tal-Istat jargumenta li l-iskop huwa li l-artikolu jservi ta' deterrent sabiex wieħed iħallas l-ispejjeż – din il-Qorti tqis li xorta jista' jkun hemm deterrent billi tibqa' l-possibilita' ta' konverżjoni fi snin ta' priġunerija wara li wieħed jagħmel użu minn miżuri inqas drastiċi u aktar ekwi.

U fil-kuntest tal-fatti specie ta' dan il-każ, il-Qorti ma tistgħax ma tosservax dak li jingħad mill-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali fid-digriet tagħha tal-15 ta' Settembru 2023, senjatament illi ppuntwalizzat "*li hu ta' interess sostanzjali l-fatt, kif rizultanti mill-atti, li r-rapporti ta' l-esperti John Sacco u Dr Marisa Cassar, gew prezentati proprju wara li ngħatat is-sentenza ta' nhar it-12 ta' Ottubru 2022*".

It-tieni nett, il-Qorti tosserva wkoll, u dan b'referenza għall-insenjament tad-deċiżjoni fuq ċitata **Gatt vs Malta**, li l-Qorti lanqas m'għandha diskrezzjoni meta tiġi għall-ammont ta' ġranet li wieħed jinżamm fi priġunerija. Fil-każ odjern huwa ċar li ż-żmien ta' priġunerija minħabba n-nuqqas ta' ħlas jeċċedi dak tal-kundanna oriġinali. L-Avukat tal-Istat jargumenta li ż-żmien tal-priġunerija jiġi mnaqqas jekk kemm-il darba l-ammont mitlub jitħallas mir-rikorrent. L-argument huwa fattwalment korrett, iżda din il-Qorti jeħtieġ tkun prattika u tmur oltre' mit-teorija u tikkunsidra fil-prattika kemm hu possibli li bniedem li jkun jinsab detenut fil-ħabs jottjeni biżżejjed fondi (b'mod leġittimu) sabiex iħallas l-ammont minnu dovut, speċjalment meta r-realta' tar-rikorrent hi li meta is-somma dovuta saret magħrufa, huwa kien diġa' jinsab jiskonta s-sentenza ta' priġunerija - u għalhekk la kien fi stat li jsib impjieg u lanqas li jittenta xi tip ta' self leġittimu.

Għalhekk, għalkemm dawn huma ċirkostanzi li jridu jiġu eżaminati f'kull każ għalih, il-fatt li l-formula ta' konverżjoni tal-ammont dovut fi priġunerija ma tagħti l-ebda lok ta' diskrezzjoni, huwa minnu nnifsu disproporzjonat u għalhekk jammonta għal-leżjoni tad-drittijiet fundamentali sanċiti bl-Artikolu 34 tal-Kostituzzjoni u l-Artikolu 5 tal-Konvenzjoni Ewropea.

Finalment, la darba r-Reġistratur kellu d-diskrezzjoni assoluta li jagħżel hu liema miżura jieħu, u la darba għalhekk ir-Reġistratur fl-aġir tiegħu mexa skont il-liġi, din il-Qorti ma tqisx l-aġir tal-istess Reġistratur bħala leżiv tad-drittijiet tar-rikorrent.

**Għaldaqstant, din il-Qorti tiddikjara l-Artikolu 533 tal-Kap 9 leżiv tad-dritt fundamentali sanċit bl-Artikolu 34 tal-Kostituzzjoni u l-Artikolu 5 tal-Konvenzjoni Ewropea stante li jagħtu diskrezzjoni assoluta lir-Reġistratur tal-Qrati sabiex jiddetermina b'liema mezz jenforza l-pagament tal-ispejjeż dovuti kif ukoll li ma jagħti ebda diskrezzjoni lill-Qrati sabiex jiddeterminaw huma l-perjodu ta' priġunerija u għalhekk jikser il-prinċipju tal-proporzjonalita'.**

## L-Artikolu 14 tal-Konvenzjoni Ewropea

Ir-rikorrent addizzjonalment jilmenta minn aġir diskriminatorju da parti tar-Reġistratur meta applika l-Artikolu 533(2) u mhux l-Artikolu 533(3) fil-konfront tiegħu ai termini tal-Artikolu 14 tal-Konvenzjoni Ewropea li jgħid testwalment hekk:

> It-tgawdija tad-drittijiet u libertajiet kontemplati f'din il-Konvenzjoni għandha tiġi assigurata mingħajr diskriminazzjoni għal kull raġuni bħalma huma s-sess, razza, kulur, lingwa, reliġjon,opinjoni politika jew opinjoni oħra, oriġini nazzjonali jew soċjali,assoċjazzjoni ma' minoranza nazzjonali, proprjetà, twelid jew status ieħor.

Din il-Qorti rat l-atti tal-kawża u tosserva li r-rikorrent ma ressaq ebda prova sabiex isostni dan l-ilment. Filfatt lanqas ressaq prova jew sottomissjoni fuq liema bażi qed tiġi allegata l-istess diskriminazzjoni.

**Għaldaqstant ser tgħaddi biex tiċħad it-talbiet rikorrent relatati mal-Artikolu 14 tal-Konvenzjoni Ewropea.**

## Rimedji

Il-Qorti tqis li fil-każ odjern fil-fatt ir-rikorrent għadu ma ġiex ikkundannat is-snin ta' priġunerija relatati għall-ispejjes tal-proceduri, stante li l-Qorti tal-Maġistrati qegħda tistenna propju l-eżitu ta' dawn il-proċeduri. B'hekk ma tqisx li sa dan il-punt ir-rikorrent sofra xi danni abbażi tal-liġi ċitata. Għalhekk mhix tal-fehma li għandhom jiġu likwidati xi forma ta' danni morali.

Minkejja dan, tqis li, meta jitkomplew il-proċeduri quddiem il-Qorti tal-Maġistrati, dik il-Qorti ser ikollha idejha marbutin dwar il-konverżjoni taż-żmien u dana stante li jeħtieġ ikun hemm bidla fl-artikolu 533 innifsu sabiex dan ma jseħħx. Għalhekk din il-Qorti ser tkun qed tordna l-komunika ta' din is-sentenza lill-Ministru responsabbli mill-Ġustizzja sabiex jikkunsidra jagħmel it-tibdil li hemm bżonn mingħajr dewmien.

**GĦALDAQSTANT, din il-Qorti, wara li qieset il-provi kollha u kif ukoll is-sottomissjonijiet magħmulha mill-partijiet, qegħda tgħaddi biex taqta' u tiddeċiedi din il-kawża billi:**

1. **Tiċħad l-ewwel u t-tieni eċċezzjonijiet tal-Avukat tal-Istat**

2. **Tiċħad l-ewwel eċċezzjoni tar-Reġistratur Qrati u Tribunali Kriminali**

3. **Tilqa' parzjalment it-talba rikorrenti u tiddikjara** l-Artikolu 533 tal-Kap 9 tal-Liġijiet ta' Malta huwa leżiv tad-dritt fundamentali sanċit bl-Artikolu 34 tal-Kostituzzjoni u l-Artikolu 5 tal-Konvenzjoni Ewropea stante li jagħti diskrezzjoni assoluta lir-Reġistratur tal-Qrati sabiex jiddetermina b'liema mezz jenforza l-pagament tal-ispejjeż dovuti kif ukoll li ma jagħti ebda diskrezzjoni lill-Qrati sabiex jiddeterminaw huma l-ammont u/jew il-perjodu ta' priġunerija u għalhekk jikser il-prinċipju tal-proporzjonalita'.

4. **Tordna komunika** ta' din is-sentenza lill-Ministru responsabbli għall-Ġustizzja sabiex isiru l-emendi li hemm bżonn fl-Artikolu 533 tal-Kap 9 tal-Liġijiet ta' Malta.

5. **Tordna** illi din is-sentenza tkun inserita in atti tal-proċess "Il-Pulizija vs Fernandez Gonzalo-Noel Sanchez" pendenti quddiem il-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta' Gudikatura Kriminali sabiex dik il-Qorti tieħu nota ta' dak hawnhekk deċiz.

6. **Tiċħad it-talba rikorrenti fil-kumplament.**

**L-ispejjeż ta' dawn il-proċeduri jkun a karigu tal-intimat Avukat tal-Istat.**

**Ian Spiteri Bailey**
**Onor. Imħallef**

**Amanda Cassar**
**Deputat Reġistratur**